KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fid-29 ta' Novembru 2018[1]

**Kawża C-235/17**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**L-Ungerija**

"Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Drittijiet ta' użufrutt fuq art agrikola – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tneħħi mingħajr ma tipprevedi kumpens, id-drittijiet preċedentement ikkostitwiti favur persuni ġuridiċi jew persuni fiżiċi li ma jistgħux jiġġustifikaw rabta parentali mill-qrib mal-proprjetarju tal-art – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkonstata, b'mod awtonomu, ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

## I. Introduzzjoni

1. Permezz ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni Ewropea qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Ungerija – fid-dawl b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013 tat-termőföldről szóló 1994. évi LV. törvény (il-Liġi Nru LV tal-1994 dwar l-Art Produttiva, iktar 'il quddiem "il-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva"), tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-mező- és erdőgazdasági földek forgalmáról szóló 2013. évi CXXII. törvény (il-Liġi Nru CXXII tal-2013 dwar il-Bejgħ tal-Artijiet Agrikoli u Forestali, iktar 'il quddiem "il-Liġi tal-2013 dwar l-Artijiet Agrikoli"), kif ukoll ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-mező- és erdőgazdasági földek forgalmáról szóló 2013. évi CXXII. törvénnyel összefüggő egyes rendelkezésekről és átmeneti szabályokról szóló 2013. évi CCXII. törvény (il-Liġi Nru CCXII tal-2013, li tinkludi diversi Dispożizzjonijiet u Miżuri Tranżitorji dwar il-[Liġi tal-2013 dwar l-Artijiet Agrikoli], iktar 'il quddiem "il-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji") u fl-aħħar nett tal-Artikolu 94(5) tal-ingatlan-nyilvántartásról szóló 1997. évi CXLI. törvény (il-Liġi Nru CXLI tal-1997, dwar ir-Reġistru tal-Artijiet, iktar 'il quddiem "il-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet"), bir-restrizzjoni manifestament sproporzjonata tad-drittijiet ta' użufrutt u tad-drittijiet ta' użu fuq l-artijiet agrikoli u forestali[2] – naqset mill-obbligi tagħha taħt il-libertà tal-istabbiliment (Artikolu 49 TFUE), tal-moviment liberu tal-kapital (Artikolu 63 TFUE) u tad-dritt fundamentali tal-proprjetà (Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iktar 'il quddiem, il-"Karta").

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Fil-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet, nuża, għall-konvenjenza, minn naħa, il-kliem "użufrutt" jew "dritt ta' użufrutt" biex jindikaw mingħajr distinzjoni id-drittijiet ta' użufrutt *stricto sensu* u d-drittijiet ta' użu kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-espressjoni "art agrikola" biex tindika kemm l-artijiet agrikoli kif ukoll l-artijiet forestali.

2. L-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża mal-moviment liberu tal-kapital, iggarantit fl-Artikolu 63 TFUE diġà tat lok għas-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth[3] u ġiet ittrattata fil-konklużjonijiet tiegħi f'dawn iż-żewġ kawżi magħquda[4]. Għalhekk din il-problema ma hijiex ser titlob żviluppi ġodda min-naħa tiegħi, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss, skont din is-sentenza, tikkonstata l-ksur tad-dritt tal-Unjoni fuq dan il-punt.

3. Madankollu, l-interess ta' din il-kawża jinsab band'oħra. F'din is-sentenza, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja wkoll kienet ġiet mistoqsija dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mal-Artikolu 17 tal-Karta. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li ma kellhiex għalfejn tindirizza l-kwistjoni. Madankollu, għall-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, f'dan il-każ, tiddeċiedi dwar din id-dispożizzjoni b'mod distint mill-eżami tal-libertajiet ta' moviment.

4. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega r-raġunijiet għalfejn, fil-fehma tiegħi, *il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni* sabiex tiddeċiedi dwar l-Artikolu 17 tal-Karta kif tixtieq il-Kummissjoni. Sussidjarjament, ser nagħti r-raġunijiet għalfejn, fl-opinjoni tiegħi, eżami tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni huwa fi kwalunkwe każ superfluwu. Fl-aħħar nett, sussidjarjament, ser nipproċedi għal analiżi ta' din il-leġiżlazzjoni fid-dawl tal-imsemmi Artikolu 17, eżami li ser iwassalni biex nikkonkludi l-inkompatibbiltà tal-imsemmija leġiżlazzjoni mad-dritt fundamentali tal-proprjetà ggarantita minn dan l-Artikolu.

## II. Id-dritt Ungeriż

### A. Il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist ta' art agrikola

5. Il-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva tipprovdi l-projbizzjoni għal kull persuna fiżika li ma għandhiex ċittadinanza Ungeriża, bl-eċċezzjoni ta' persuni li jkollhom permess ta' residenza permanenti u dawk bi status ta' refuġjat rikonoxxut, kif ukoll għal kull persuna ġuridika kemm barranija kif ukoll Ungeriża, li jixtru artijiet agrikoli.

6. Din il-liġi ġiet emendata, b'effett mill-1 ta' Jannar 2002 mit-termġföldrġl szóló 1994. évi LV. törvény módosításáról szóló 2001. évi CXVII. Törvény (il-Liġi Nru CXVII tal-2001 li temenda l-[Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva]), sabiex teskludi wkoll il-possibbiltà li jiġi kkostitwit kuntrattwalment dritt ta' użufrutt fuq art agrikola għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi li ma għandhomx in-nazzjonalità Ungeriża jew persuni ġuridiċi. L-Artikolu 11(1) tal-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva kien għalhekk jipprovdi, bħala konsegwenza ta' dawn l-emendi, li "[i]d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II dwar ir-restrizzjoni tal-akkwist tal-proprjetà għandhom japplikaw għall-kostituzzjoni kuntrattwali tad-dritt ta' użufrutt u tad-dritt tal-użu. [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. L-Artikolu 11(1) tal-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva, sussegwentement, ġie emendat mill-egyes ágazatokat terhelġ agrár tárgyú törvények módosításáról szóló 2012. évi CCXIII. törvény (il-Liġi Nru CCXIII tal-2012, li temenda ċerti liġijiet dwar l-Agrikoltura). Fil-verżjoni l-ġdida tiegħu li tinkludi din l-emenda u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, l-imsemmi Artikolu 11(1) kien jipprovdi li "[i]d-dritt ta' użufrutt magħmul b'kuntratt huwa null, sakemm ma jkunx ikkostitwit għall-benefiċċju ta' qarib". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3 C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, iktar 'il quddiem "is-sentenza SEGRO u Horváth".
4 Konklużjonijiet fil-kawżi magħquda SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410).

8. Il-Liġi Nru CCXIII tal-2012 li temenda ċerti liġijiet dwar l-Agrikoltura introduċiet ukoll Artikolu 91(1) ġdid fil-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva, li jgħid: "[k]ull dritt ta' użufrutt eżistenti fid-data tal-1 ta' Jannar 2013 u kkostitwit, għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat li jiskadi wara t-30 ta' Diċembru 2032, permezz ta' kuntratt konkluż bejn persuni li ma humiex membri mill-qrib tal-istess familja, jispiċċa *ipso jure* fl-1 ta' Jannar 2033".

9. Il-Liġi tal-2013 dwar l-Artijiet Agrikoli ġiet adottata fil-21 ta' Ġunju 2013 u daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2013. L-Artikolu 37(1) ta' din il-liġi jżomm ir-regola li tgħid li dritt ta' użufrutt jew dritt ta' użu fuq tali art ikkostitwit b'kuntratt huwa null ħlief jekk dan il-kuntratt ikun konkluż bejn membri mill-qrib tal-istess familja.

10. L-Artikolu 5(13) ta' din il-liġi jiddefinixxi l-kunċett ta' "Membru mill-qrib tal-istess familja" bħala li jinkludi "il-konjuġi, l-axxendenti f'linja diretta, it-tfal adottivi, it-tfal proprji u t-tfal tal-konjuġi, il-ġenituri adottivi, il-ġenituri tal-konjuġi u l-aħwa."

11. Il-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji ġiet adottata fit-12 ta' Diċembru 2013 u daħlet fis-seħħ fit-15 ta' Diċembru 2013. L-Artikolu 108(1) ta' din il-liġi, li ħassar l-Artikolu 91(1) tal-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva, jiddikjara li: "[k]ull dritt ta' użufrutt jew ta' użu eżistenti fid-data tat-30 ta' April 2014 u kkostitwit, għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat li jiskadi wara t-30 ta' April 2014, permezz ta' kuntratt konkluż bejn persuni li ma humiex membri mill-qrib tal-istess familja, jispiċċa *ipso jure* fl-1 ta' Mejju 2014."

12. L-Artikolu 94 tal-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet jipprovdi:

"1. Fid-dawl tat-tħassir mir-Reġistru tal-Artijiet tad-drittijiet ta' użufrutt u tad-drittijiet ta' użu milquta mit-terminazzjoni skont l-Artikolu 108(1) tal-[Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji] (iktar 'il quddiem flimkien, f'dan l-artikolu, id-'drittijiet ta' użufrutt'), il-persuna fiżika li għandha drittijiet ta' użufrutt għandha, wara intimazzjoni mibgħuta mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014 mill-awtorità responsabbli mill-amministrazzjoni tar-Reġistru, fil-15-il jum segwenti għall-intimazzjoni, tiddikjara, fuq il-formola stabbilita għal dan l-għan mill-Ministru, ir-relazzjoni ta' membru mill-qrib tal-istess familja li torbtu jekk ikun il-każ mal-persuna msemmija bħala proprjetarja tal-immobbli fid-dokument li kien il-bażi tar-reġistrazzjoni. F'każ ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni fit-termini stabbiliti, it-talba għal reġistrazzjoni ma tkunx milqugħa wara l-31 ta' Diċembru 2014.

[…]

3. Jekk id-dikjarazzjoni ma turix relazzjoni ta' membru mill-qrib tal-istess familja jew jekk ebda dikjarazzjoni ma ssir fit-termini stabbiliti, l-awtorità responsabbli mill-amministrazzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet għandha tħassar *ex officio* d-drittijiet ta' użufrutt mill-imsemmi reġistru, fis-sitt xhur ta' wara l-iskadenza tat-terminu li fih kellha ssir id-dikjarazzjoni u mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju 2015.

[…]"

## B. Id-dritt ċivili

13. Id-dispożizzjonijiet tal-a polgári törvénykönyvről szóló 1959. évi IV. törvény (il-Liġi Nru IV tal-1959 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili ta' qabel") baqgħu fis-seħħ sal-14 ta' Marzu 2014.

14. L-Artikolu 215 tal-Kodiċi Ċivili ta' qabel kien jipprovdi:

"(1) Jekk il-qbil ta' terza persuna jew l-approvazzjoni tal-awtoritajiet ikunu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt, il-kuntratt ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jingħatawx dan il-qbil jew din l-approvazzjoni, iżda jibqa' jorbot lill-partijiet bid-dikjarazzjonijiet tagħhom. Il-partijiet għandhom ikunu meħlusa mill-impenn tagħhom jekk it-terza persuna jew l-awtorità kkonċernata ma tiddeċidix fit-terminu li l-partijiet ikunu ffissaw flimkien.

[…]

(3) Fin-nuqqas tal-qbil, jew tal-approvazzjoni, meħtieġa, l-effetti ġuridiċi tal-invalidità għandhom japplikaw għall-kuntratt.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

15. L-Artikolu 237 tal-Kodiċi Ċivili ta' qabel kien jipprovdi:

"(1) Fil-każ ta' kuntratt invalidu, jeħtieġ li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet tipprevali qabel il-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt.

(2) Jekk ma jkunx possibbli li tipprevali s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, il-qorti tista' tiddikjara l-kuntratt applikabbli sakemm tkun tat id-deċiżjoni. Kuntratt invalidu jista' jiġi ddikjarat validu jekk ikun possibbli li titneħħa l-kawża tal-invalidità, b'mod partikolari permezz tat-tneħħija tal-vantaġġ sproporzjonat f'każ ta' sproporzjon tas-servizzi tal-partijiet f'kuntratt ta' użu. F'każ bħal dan, għandha tiġi ordnata r-restituzzjoni tas-servizz li jkun għadu dovut, jekk ikun il-każ, mingħajr korrispettiv." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

16. Id-dispożizzjonijiet tal-a polgári törvénykönyvrġl szóló 2013. évi V. törvény (il-Liġi Nru V tal-2013 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili, iktar 'il quddiem, il-"Kodiċi Ċivili l-ġdid") daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2014.

17. L-Artikoli 6:110 u 6:111 tal-Kodiċi Ċivili l-ġdid li jinsabu fil-Kapitolu XIX tiegħu intitolat "Effetti ġuridiċi tal-invalidità" huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 6:110 [Dikjarazzjoni tal-validità tal-kuntratt mill-qorti, b'effett retroattiv]

(1) Kuntratt invalidu jista' jiġi ddikjarat validu mill-qorti, b'effett retroattiv għad-data tal-konklużjoni tal-kuntratt, jekk

a) id-dannu subit minħabba l-invalidità jista' jiġi eliminat permezz ta' emenda xierqa tal-kuntratt, jew jekk

b) il-kawża tal-invalidità spiċċat sussegwentement.

(2) F'każ li l-kuntratt invalidu jiġi ddikjarat validu, il-partijiet kontraenti huma obbligati jissodisfaw l-obbligi reċiproċi stipulati f'dan il-qafas u, fil-każ ta' ksur tal-kuntratt wara d-dikjarazzjoni ta' validità, għandhom iwieġbu bl-istess mod daqslikieku l-kuntratt kien ġie vvalidat sa mill-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 6:111 [Validità tal-kuntratt li jirriżulta mir-rieda tal-partijiet]

(1) Kuntratt isir validu b'effett retroattiv mid-data tal-konklużjoni tiegħu jekk il-partijiet sussegwentement jeliminaw il-kawża tal-invalidità jew jekk, f'każ ta' estinzjoni ta' din il-kawża għal kwalunkwe raġuni oħra, jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu kuntratt.

(2) Fil-każ fejn kuntratt invalidu jsir validu, il-partijiet kontraenti huma obbligati jissodisfaw l-obbligi reċiproċi stipulati f'dan il-qafas u, fil-każ ta' ksur tal-kuntratt wara l-validazzjoni tiegħu, għandhom iwiegħbu bl-istess mod daqslikieku l-kuntratt kien ġie vvalidat sa mill-konklużjoni tiegħu.

(3) Fil-każ fejn il-partijiet jeliminaw sussegwentement il-kawża tal-invalidità u jaqblu dwar il-validità tal-kuntratt għall-futur, il-kisbiet li jkunu saru sa dak iż-żmien ikunu suġġetti għall-effetti ġuridiċi tal-invalidità."

## III. Il-fatti u l-proċedura prekontenzjuża

18. Fl-Ungerija, l-akkwist ta' art agrikola minn ċittadini barranin ilu minn żmien suġġett għal restrizzjonijiet. Il-Liġi Nru I tal-1987 dwar l-Art[5] kienet tipprovdi għalhekk li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin ma jistgħux jiksbu s-sjieda tal-art permezz ta' xiri, skambju jew donazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern Ungeriż.

19. Sussegwentement, id-Digriet Governattiv Nru 171 tas-27 ta' Diċembru 1991[6], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1992, eskluda għal kollox kull possibbiltà, għall-persuni li m'għandhomx ċittadinanza Ungeriża, bl-eċċezzjoni ta' dawk b'permess ta' residenza permanenti u dawk bi status ta' rifuġjat, li jixtru art agrikola. Il-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva kienet sussegwentement estendiet din il-projbizzjoni għall-persuni ġuridiċi kemm barranin kif ukoll Ungeriżi.

20. Dan il-qafas legali ma kienx jimponi, min-naħa l-oħra, restrizzjonijiet partikolari f'dak li jikkonċerna l-kostituzzjoni ta' drittijiet ta' użufrutt fuq art agrikola.

21. Madankollu, wara emenda tal-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva[7], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002, ir-restrizzjonijiet dwar l-akkwist ta' art agrikola ġew estiżi għall-istabbiliment ta' tali drittijiet ta' użufrutt fuq dawn l-artijiet. Konsegwentement, la l-persuni fiżiċi barranin u lanqas il-persuni ġuridiċi ma setgħu jiksbu drittijiet simili.

22. Fil-kuntest tal-adeżjoni tal-Ungerija fl-Unjoni Ewropea, dan l-Istat Membru kien ingħata perjodu tranżitorju li matulu seta' jżomm fis-seħħ ir-restrizzjonijiet dwar l-akkwist ta' art agrikola għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-adeżjoni, jiġifieri sat-30 ta' April 2014. Madankollu, mill-1 ta' Mejju 2004, dan l-istess Stat Membru kien obbligat jawtorizza liċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu ilhom jgħixu u jaħdmu fl-Ungerija għal tliet snin jixtru art agrikola taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Ungeriżi[8].

23. Qabel l-iskadenza ta' dan il-perijodu tranżitorju, il-leġiżlatur Ungeriż adotta emenda ġdida għal-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva[9] li, mill-1 ta' Jannar 2013, kienet tipprojbixxi b'mod ġenerali il-kostituzzjoni ta' drittijiet ta' użufrutt fuq art agrikola, ħlief bejn il-membri mill-qrib tal-istess familja. Il-Liġi dwar l-Art Agrikola, li ġiet adottata lejn l-aħħar tal-2013 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, żammet din l-istess projbizzjoni[10].

5 Artikolu 38(1) tal-földről szóló 1987. évi I. törvény (il-Liġi Nru I tal-1987 dwar l-Art), kif speċifikat mis-26/1987. (VII. 30.) MT rendelet a földről szóló 1987. évi I. törvény végrehajtásáról (id-Digriet Nru 26 tal-Kunsill tal-Ministri tat-30 ta' Lulju 1987 dwar l-Applikazzjoni tal-Liġi Nru I tal-1987 dwar l-Art) imbagħad mill-A földről szóló 1987. évi I. törvény végrehajtásáról rendelkező 26/1987. (VII. 30.) MT rendelet módosításáról szóló 73/1989. (VII. 7.) (id-Digriet Nru 73 tal-Kunsill tal-Ministri tas-7 ta' Lulju 1989).

6 Artikolu 1(5) tal-a külföldiek ingatlanszerzéséről 171/1991. (XII. 27.) Korm. (Digriet Governattiv Nru 171 tas-27 ta' Diċembru 1991).

7 Liġi emendata mil-Liġi Nru CXVII tal-2001 li temenda l-[Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva].

8 Skont il-Kapitolu 3(2) tal-Anness X għall-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33) kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/792/UE tal-20 ta' Diċembru 2010 li testendi l-perjodu tranżitorju li jikkonċerna l-akkwist ta' art agrikola fl-Ungerija (ĠU 2010, L 336, p. 60).

9 Liġi Nru CCXIII tal-2012 li temenda ċerti liġijiet dwar l-Agrikoltura.

10 Skont l-Artikolu 37(1) ta' din il-liġi.

24. Ir-regoli li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 kienu jipprevedu li d-drittijiet ta' użufrutt eżistenti f'din id-data u kkostitwiti, għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat li jiskadu wara l-31 ta' Diċembru 2032, permezz ta' kuntratt konkluż bejn persuni li ma humiex membri mill-qrib tal-istess familja, jispiċċaw *ex lege* f'perijodu tranżitorju ta' 20 sena. Għaldaqstant dawn id-drittijiet kellhom jintemmu awtomatikament sal-1 ta' Jannar 2033.

25. Madankollu, l-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-miżuri tranżitorji, li daħlet fis-seħħ fit-15 ta' Diċembru 2013, kien qassar sostanzjalment il-perijodu tranżitorju msemmi hawn fuq. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, id-drittijiet ta' użufrutt eżistenti sat-30 ta' April 2014 issa kellhom jintemmu awtomatikament fl-1 ta' Mejju 2014, bl-eċċezzjoni ta' kuntratti konklużi bejn membri mill-qrib tal-istess familja.

26. Peress li qieset b'mod partikolari li, bl-adozzjoni ta' restrizzjonijiet dwar il-kostituzzjoni preċedentement ta' drittijiet ta' użufrutt fuq art agrikola, l-Ungerija kienet kisret l-Artikoli 49 u 63 TFUE kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Karta, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil dan l-Istat Membru fis-17 ta' Ottubru 2014[11]. Dan wieġeb permezz tal-ittra tat-18 ta' Diċembru 2014, li fiha huwa kkontesta l-ksur allegat.

27. Peress li ma kinitx sodisfatta b'din ir-risposta, fid-19 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata li fiha sostniet li, bit-tneħħija *ex lege* skont l-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, ta' ċerti drittijiet ta' użufrutt b'effett mill-1 ta' Mejju 2014, l-Ungerija kisret id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija iktar 'il fuq. Dan l-Istat Membru wieġeb permezz tal-ittri tad-9 ta' Ottubru 2015 u tat-18 ta' April 2016, fejn ikkonkluda dwar l-ineżistenza tan-nuqqasijiet allegati.

28. B'mod parallel, il-qorti nazzjonali li rrinvijat id-domandi għal deċiżjoni preliminari li tat lok għas-sentenza SEGRO u Horváth lill-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat rikors quddiem l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Ungerija), b'mod partikolari, dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 108(1) mal-liġi fundamentali Ungeriża.

29. Permezz tas-sentenza Nru 25, tal-21 ta' Lulju 2015, l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li din id-dispożizzjoni tikser parzjalment l-imsemmija liġi fundamentali, peress li l-leġiżlatur nazzjonali ma pprovdiex għal mekkaniżmu ta' kumpens għas-sidien tal-art li fuqhom kienu kkostitwiti d-drittijiet tal-użufrutt imneħħija, u tagħtu żmien sal-31 ta' Diċembru 2015 sabiex jemendaha. Din l-istess qorti ċaħdet il-bqija tar-rikors. It-terminu mogħti mill- Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) lil-leġiżlatur skada mingħajr ma dan adotta l-miżuri meħtieġa.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

30. Dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġie ppreżentat fil-5 ta' Mejju 2017.

31. Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tikkonstata li l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 49 u 63 tat-TFUE u taħt l-Artikolu 17 tal-Karta, billi adottat leġiżlazzjoni li tillimita l-użufrutt ta' artijiet agrikoli, u

– tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

11 Fl-ittra ta' intimazzjoni, il-Kummissjoni kienet ikkritikat ukoll lill-Ungerija li awtorizzat, skont l-Artikolu 60(5) tal-Liġi tal-2013 dwar Miżuri Tranżitorji, b'effett mill-25 ta' Frar 2014, ix-xoljiment unilaterali tal-kuntratti ta' kiri ta' tul iktar minn għoxrin sena stabbiliti fuq art agrikola qabel is-27 ta' Lulju 1994. Jidher li l-Kummissjoni rrinunzjat sussegwentement għal dan l-ilment, li huwa assenti mill-opinjoni motivata.

32. L-Ungerija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni bħala infondat, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

33. Fid-9 ta' Lulju 2018 saret seduta għas-sottomissjonijiet orali li għaliha kienu rrappreżentati l-Kummissjoni u l-Ungerija.

## V. Analiżi

### A. Fuq l-ammissibbiltà

34. Fir-risposta u fil-kontroreplika tiegħu, il-Gvern Ungeriż ma sostniex l-inammissibbiltà ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' tali rikors huma ta' natura ta' *ordni pubbliku*, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżaminahom *ex officio* [12].

35. Issa, jirriżulta minn qari komparattiv tal-opinjoni motivata u tar-rikors li l-Kummissjoni tidher li, f'dan it-tieni dokument, estendiet is-suġġett tal-kawża, kif iddefinit fl-ewwel wieħed, bi ksur tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprojbixxi tali estensjoni [13].

36. F'dan ir-rigward, nosserva li l-Kummissjoni kienet akkużat lill-Ungerija, f'din l-opinjoni motivata, li *neħħiet ex lege*, skont l-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, id-drittijiet ta' użufrutt fuq art agrikola bejn persuni li mhumiex membri mill-qrib tal-istess familja u eżistenti fit-30 ta' April 2014.

37. Min-naħa l-oħra, jirriżulta fl-introduzzjoni tal-*petitum* tar-rikors, riprodott fil-punt 1 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-Kummissjoni tirreferi, fir-rikors tagħha, għal aktar dispożizzjonijiet nazzjonali minn dawk ikkontestati fl-opinjoni motivata u li wħud minnhom ma jirrigwardawx *it-tneħħija* tad-drittijiet ta' użufrutt preeżistenti fuq l-art agrikola, iżda l-*kostituzzjoni* tad-drittijiet fuq din l-art [14]. Barra minn hekk, fit-talbiet tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Ungerija mhux talli " *neħħiet*" id-drittijiet ta' użufrutt preċedentement stabbiliti iżda, b'mod iktar ġenerali, li "*illimitat*" id-drittijiet ta' użufrutt fuq l-imsemmija art.

12 Ara b'mod partikolari s-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-417/02, EU:C:2004:503, punt 16), tal-1 ta' Frar 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-199/04, EU:C:2007:72, punt 20), u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-336/16, EU:C:2018:94, punt 42). Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex statika dwar jekk l-eżami *ex officio* tal-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku huwiex ta' natura volontarja jew obbligatorja. Madankollu, kemm l-imperattività tar-regoli ta' ordni pubbliku kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet relatati mal-ugwaljanza tal-partijiet fil-kawża quddiem il-qorti u mal-opportunitajiet ugwali għall-partijiet jimmilitaw favur in-natura obbligatorja tagħha (ara Clausen, F., *Les moyens d'ordre public devant la Cour de justice de l'Union européenne*, Thèses, Bruylant, 2018, p. 455 sa 472).

13 Is-suġġett ta' rikors imressaq b'applikazzjoni tal-Artikolu 258 TFUE huwa ddefinit mill-proċedura prekontenzjuża prevista f'din id-dispożizzjoni u konsegwentement ma jistax jiġi estiż fil-proċedura ġudizzjarja. L-opinjoni motivata tal-Kummissjoni u r-rikors għandhom ikunu bbażati fuq l-istess raġunijiet u motivi, b'mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' teżamina lment li ma ġiex ifformulat fl-opinjoni motivata. Ara b'mod partikolari s-sentenzi tad-9 ta' Frar 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-305/03, EU:C:2006:90, punt 22) tad-29 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-160/08, EU:C:2010:230, punt 43) u tal-10 ta' Mejju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-368/10, EU:C:2012:284, punt 78).

14 Fil-fatt, l-Artikolu 11(1) tal-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, u l-Artikolu 37(1) tal-Liġi tal-2013 dwar l-Artijiet Agrikoli jirrigwardaw il-kostituzzjoni ta' drittijiet (ġodda) ta' użufrutt fuq l-art agrikola.

38. Dawn l-elementi jindikaw li, lil hinn *mit-tneħħija ex lege*, li tirriżulta mill-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, ta' ċerti drittijiet ta' użufrutt eżistenti fuq art agrikola, il-Kummissjoni għandha l-għan li tikseb il-kundanna tal-Ungerija anki għall-fatt li illimitat *il-possibbiltà li dawn id-drittijiet jiġu kkostitwiti fil-futur għall-membri mill-qrib tal-istess familja tal-proprjetarju tal-art biss.*

39. Meta ġiet mistoqsija fuq dan il-punt waqt is-seduta, l-Ungerija indikat li tifhem li r-rikors tal-Kummissjoni jirrigwarda, essenzjalment, it-tneħħija *ex lege* ta' ċerti drittijiet ta' użufrutt preeżistenti. Madankollu, dan l-Istat Membru jikkunsidra li minħabba l-ambigwità spjegata fit-tliet punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet ir-rikors tal-Kummissjoni ma huwiex ippreżentat b'mod koerenti u li jinftiehem. Din l-istituzzjoni, min-naħa tagħha, argumentat li ma għandhiex l-intenzjoni li tbiddel is-suġġett tal-kawża kif iddefinit fl-opinjoni motivata: hija biss inkwistjoni t-tneħħija tad-drittijiet ta' użufrutt ikkostitwiti qabel.

40. Fil-fehma tiegħi, l-ambigwità tar-rikors tal-Kummissjoni ma hijiex suffiċjentement sinjifikattiva sabiex ir-rikors tagħha jitqies inammissibbli *fl-intier tiegħu*. L-Ungerija setgħet tinvoka d-drittijiet tagħha tad-difiża u ammettiet ukoll li fehmet l-essenza ta' dan ir-rikors, jiġifieri t-tneħħija *ex lege*, prevista fl-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, tad-drittijiet ta' użufrutt kostitwiti fuq l-art agrikola għall-benefiċċju ta' persuni li ma humiex membri mill-qrib tal-istess familja tal-proprjetarju tal-art, eżistenti fit-30 ta' April 2014. Għaldaqstant, jiena tal-opinjoni li dan ir-rikors huwa ammissibbli sa fejn jirrigwarda dan l-uniku suġġett u li *l-kumplament* tiegħu huwa għalhekk inammissibbli.

## B. Fuq l-ewwel ilment (il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża mal-Artikoli 49 u 63 TFUE)

41. Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, tikkonstata l-inkompatibbiltà tal-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji mal-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE u mal-moviment liberu tal-kapital garantit fl-Artikolu 63 TFUE.

42. F'dan ir-rigward, infakkar li, fis-sentenza SEGRO u Horváth, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet mistoqsija dwar il-validità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl ta' dawn iż-żewġ libertajiet ta' moviment. Hija, madankollu, iddeċidiet li din il-leġiżlazzjoni kellha tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital [15].

43. F'din il-kawża, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja din id-darba għandha teżamina l-leġiżlazzjoni kontenzjuża fid-dawl taż-żewġ libertajiet ta' moviment invokati.

44. Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni tista', skont il-każ, tikser xi waħda minn dawn il-libertajiet. F'dan ir-rigward, uħud mill-individwi kienu kisbu d-dritt ta' użufrutt fuq art agrikola fl-Ungerija għal skopijiet spekulattivi, filwaqt li oħrajn kienu jwettqu l-attività ekonomika tagħhom b'dan il-mod. Madankollu, filwaqt li l-ewwel każ jaqa' taħt il-moviment liberu tal-kapital, it-tieni huwa relatat mal-libertà ta' stabbiliment. F'dan il-kuntest, għalkemm fis-sentenza SEGRO u Horváth, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tillimita ruħha, fid-dawl taċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għal din is-sentenza, li teżamina

15 Ara l-punti 50 sa 60 ta' din is-sentenza.

din il-leġiżlazzjoni fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital biss, ma tistax tagħmel l-istess f'dan il-każ. Fil-kuntest ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li għandha natura oġġettiva[16], din l-istess leġiżlazzjoni għandha tiġi eżaminata b'mod ġenerali, b'kunsiderazzjoni tal-libertajiet kollha li jistgħu jiġu applikati f'dawn il-każijiet differenti.

45. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Ungeriż huwa tal-fehma li, f'din il-kawża, ma hemmx lok, f'dan ir-rigward, li jiġi adottat approċċ differenti minn dak adottat fis-sentenza SEGRO u Horváth.

46. Jiena naqbel mal-opinjoni ta' dan tal-aħħar. Fil-fehma tiegħi, jeħtieġ ukoll, f'din il-kawża, li l-leġiżlazzjoni kontenzjuża tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital iggarantit mill-Artikolu 63 TFUE.

47. Ċertament, din il-leġiżlazzjoni tagħti lok għal *akkumulazzjoni tal-libertajiet ta' moviment potenzjalment applikabbli*[17]: minn naħa, individwu li jkunu kiseb dritt ta' użufrutt fuq art agrikola għall-fini li jeżerċita l-attività ekonomika tiegħu jista' jinvoka l-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE peress li, "id-dritt ta' akkwist, ta' użu u ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor huwa kumpliment neċessarju" ta' din il-libertà[18]; min-naħa l-oħra, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-miżuri nazzjonali li jirregolaw l-investimenti immobbli jaqgħu taħt il-moviment liberu tal-kapital iggarantit mill-Artikolu 63 TFUE, u dan anki meta dawn l-investimenti jkunu intiżi sabiex jippermettu l-eżerċitar ta' attività ekonomika[19].

48. Madankollu, f'tali sitwazzjoni ta' akkumulazzjoni ta' libertajiet applikabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja, tal-inqas fil-ġurisprudenza riċenti tagħha, tivverifika jekk waħda minn dawn iż-żewġ libertajiet għandhiex tkun sekondarja għall-oħra u tistax tintrabat magħha. Jekk dan huwa l-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi skont il-*maxim "l-obbligu aċċessorju jsegwi l-prinċipali"* u teżamina l-leġiżlazzjoni kontenzjuża biss fir-rigward tal-libertà predominanti[20]. F'dan il-kuntest, l-eżistenza ta' relazzjoni "prinċipali/aċċessorju" bejn il-libertajiet inkwistjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux tas-sitwazzjoni tal-individwi kkonċernati mill-kawża, imma tal-*għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni*[21].

49. Issa, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni bħall-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, l-aspett ta' din il-leġiżlazzjoni dwar il-moviment liberu tal-kapital jipprevali fuq dak marbut mal-libertà ta' stabbiliment. Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni tirrigwarda s-sjieda tal-art u tapplika b'mod ġenerali għall-użufrutt fuq art agrikola, mingħajr, għalhekk, ma tkun limitata għas-sitwazzjonijiet fejn dan id-dritt ġie stabbilit għall-finijiet tal-eżerċitar ta' attività ekonomika[22]. F'dan il-kuntest, kull restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment li tirriżulta minn din l-istess leġiżlazzjoni hija konsegwenza inevitabbli tar-restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital. Fi kliem ieħor, kull restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment *ma tistax tinfired* minn dawk li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-kapital[23].

16 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu natura oġġettiva. Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tevalwa l-opportunità li taġixxi kontra Stat Membru u li tivverifika d-dispożizzjonijiet li jkun kiser, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja trid teżamina jekk in-nuqqas allegat jeżistix jew le (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, 416/85, EU:C:1988:321, punt 9), tal-11 ta' Awwissu 1995, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-431/92, EU:C:1995:260, punt 22, u tat-8 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-33/04, EU:C:2005:750, punt 66.

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 55.

18 Sentenzi tat-30 ta' Mejju 1989, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (305/87, EU:C:1989:218, punt 22), kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2002, Reisch *et* (C-515/99, C-519/99 sa C-524/99 u C-526/99 sa C-540/99, EU:C:2002:135, punt 29).

19 Ara, b'mod partikolari s-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2002, Reisch *et* (C-515/99, C-519/99 sa C-524/99 u C-526/99 sa C-540/99, EU:C:2002:135, punti 28 sa 31), tat-23 ta' Settembru 2003, Ospelt u Schlössle Weissenberg (C-452/01, EU:C:2003:493, punt 24), kif ukoll tal-25 ta' Jannar 2007, Festersen (C-370/05, EU:C:2007:59, punti 22 sa 24). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410, punti 48 sa 63).

20 Ara, b'mod partikolari s-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punt 34), u tas-17 ta' Settembru 2009, Glaxo Wellcome (C-182/08, EU:C:2009:559, punt 37).

21 Ara, b'mod partikolari s-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2009, Glaxo Wellcome (C-182/08, EU:C:2009:559, punt 36), tal-5 ta' Frar 2014, Hervis Sport- és Divatkereskedelmi (C-385/12, EU:C:2014:47, punt 21) kif ukoll SEGRO u Horváth, punt 53.

22 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009, Glaxo Wellcome (C-182/08, EU:C:2009:559, punti 49 sa 52).

23 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 55.

50. Għaldaqstant, ma hemmx lok li jsir eżami awtonomu tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl tal-Artikolu 49 TFUE[24]. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, in-natura oġġettiva tal-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma tiġġustifikax li l-Qorti tal-Ġustizzja titbiegħed mill-ġurisprudenza tagħha dwar l-akkumulazzjoni tal-libertajiet applikabbli. Minbarra l-fatt li dan ikun diffiċilment konċiljabbli mal-ħtieġa ta' ġestjoni tajba tar-riżorsi tagħha, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeterminax ir-relazzjoni "prinċipali/aċċessorju" *b'mod suġġettiv*, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-individwi kkonċernati, iżda b'mod *oġġettiv*, fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Ninnota, barra minn hekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja applikat din il-ġurisprudenza f'għadd sinjifikanti ta' sentenzi għal konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu[25].

51. B'dan ikkunsidrat, infakkar li fis-sentenza SEGRO u Horváth, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni bħal dik tal-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji mhux biss *tostakola* l-moviment liberu tal-kapital, iżda tista' wkoll tkun *indirettament diskriminatorja* abbażi tan-nazzjonalità jew l-oriġini tal-kapital.

52. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet, f'din is-sentenza, li din il-leġiżlazzjoni tista' tiġi ġġustifikata permezz tal-motivi invokati mill-Gvern Ungeriż biex jiddefendiha[26], b'mod partikolari fid-dawl tan-natura sproporzjonata tagħha.

53. Għalhekk ma huwiex neċessarju li, f'dawn il-konklużjonijiet, nittratta dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mal-moviment liberu tal-kapital żgurat mill-Artikolu 63 TFUE. Fuq dan il-punt, l-ewwel ilment tal-Kummissjoni huwa mingħajr ebda dubju fondat, għar-raġunijiet li jidhru fis-sentenza SEGRO u Horváth, u nirreferi lill-qarrej għal dawk ir-raġunijiet kif ukoll għall-konklużjonijiet tiegħi f'dawn il-kawżi[27].

54. Ċertament, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' *ċertezza legali* u ta' *aspettattivi leġittimi*, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma pprevediet, fil-kuntest tat-tneħħija *ex lege* tad-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni, la perjodu ta' tranżizzjoni u lanqas kumpens[28]. Madankollu, jirriżulta minn din it-talba li l-Kummissjoni tinvoka dawn il-prinċipji "sussidjarjament", jiġifieri bħala sempliċi argumenti addizzjonali fl-analiżi tal-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mal-libertajiet ta' moviment invokati. Peress li l-ewwel ilment huwa fondat għal motivi oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi fuq il-prinċipji inkwistjoni[29]. Waqt is-seduta, barra minn hekk il-Kummissjoni kkonfermat li hija ma kellhiex l-intenzjoni li tikseb eżami awtonomu ta' dawn il-prinċipji u sostniet li, mill-bqija, ir-rispett ta' dawn il-prinċipji *ma jistax jiġi evalwat indipendentement mill-eżami skont il-libertajiet ta' moviment*. Jiena naqbel kompletament ma' din l-analiżi, kif ser nispjega iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet[30].

24 Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-opinjoni tiegħi, inqis li, fi kwalunkwe każ, l-argumenti li jidhru fis-sentenza SEGRO u Horváth dwar il-moviment liberu tal-kapital huma trasponibbli għal-libertà ta' stabbiliment għal dak li jirrigwarda kemm l-eżistenza ta' restrizzjoni kif ukoll l-assenza ta' ġustifikazzjoni.

25 Ara, fost għadd ta' eżempji, is-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 1982, Il-Kummissjoni vs L-Italja (95/81, EU:C:1982:216, punt 30); tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-367/98, EU:C:2002:326, punt 56); tat-28 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-282/04 u C-283/04, EU:C:2006:608, punt 43); tat-8 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-171/08, EU:C:2010:412, punt 80), kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-370/11, mhux ippubblikata, EU:C:2012:287, punt 21).

26 Dawn jirrigwardaw, minn naħa, raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tikkonsisti f'li tiġi riżervata l-proprjetà tal-artijiet agrikoli għall-persuni li jaħdmuhom u jiġi pprojbit l-akkwist ta' dawn l-artijiet għal finijiet purament spekulattivi u permess tal-isfruttar tagħhom minn impriżi ġodda, jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' proprjetajiet ta' daqs li jippermetti l-produzzjoni agrikola vijabbli u kompetittiva u tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-fondi agrikoli kif ukoll eżodu rurali u t-tnaqqis tal-popolazzjoni tal-kampanja. Min-naħa l-oħra, il-gvern Ungeriż jinvoka l-Artikolu 65 TFUE u, b'mod partikolari, ir-rieda li ix-xewqa li jissanzjona ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam dwar il-kontrolli tal-kambju kif ukoll dak tal-ġlieda, taħt l-ordni pubbliku, kontra prattiki ta' akkwist abbużivi.

27 Konklużjonijiet fil-kawżi magħquda SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410, punti 31 sa 118).

28 Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Berlington Hungary *et* (C-98/14, EU:C:2015:386, punti 74 sa 88 kif ukoll 92).

29 Jekk ikun meħtieġ, l-argumenti esposti fil-punti 173 sa 182 ta' dawn il-konklużjonijiet dwar id-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17 tal-Karta huma trasponibbli għal dawn il-prinċipji.

30 Ara l-punti 76 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

**C. Fuq it-tieni lment (il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża mal-Artikolu 17 tal-Karta)**

55. Permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, tikkonstata li l-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji jmur kontra d-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17(1) tal-Karta.

***1. L-argumenti tal-partijiet***

56. Il-Kummissjoni targumenta li d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta għandhom jiġu rrispettati meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan ikun il-każ meta din il-leġiżlazzjoni tkun ta' natura li tostakola waħda jew iktar mil-libertajiet ta' moviment ggarantiti mit-Trattat FUE u meta l-Istat Membru kkonċernat jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali sabiex jiġġustifika tali ostakolu.

57. Barra minn hekk, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma ttrattatx il-kwistjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fis-sentenza SEGRO u Horváth, se tkun meħtieġa tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni f'din il-kawża.

58. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li d-dritt ta' proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17 tal-Karta jkopri d-drittijiet ta' użufrutt li tneħħew mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża. Fil-fatt, dan l-artikolu jirreferi, b'mod wiesa', għad-drittijiet kollha li għandhom valur patrimonjali li minnu tirriżulta, fid-dawl tas-sistema ġuridika, pożizzjoni ġuridika akkwistata li tippermetti eżerċitar awtonomu ta' dawn id-drittijiet mid-detentur tagħhom u għall-benefiċċju tiegħu.

59. F'dak li għandu x'jaqsam mal-interferenza f'dan id-dritt, din tinħoloq permezz ta' esproprjazzjoni, f'każ ta' tneħħija, irtirar jew ċaħda *de facto* ta' proprjetà, inkluż meta tali tneħħija tirrigwarda, bħal f'dan il-każ, tnejn biss mit-tliet elementi kostituttivi tal-proprjetà, jiġifieri d-dritt ta' użu u pussess.

60. Madankollu, it-tneħħija inkwistjoni f'din il-kawża ma tistax tiġi ġġustifikata. Din it-tneħħija hija bbażata, minn naħa, fuq il-preżunzjoni ġenerali żbaljata li l-kuntratti kollha ta' użufrutt konklużi bejn persuni mhux relatati kienu bil-għan li jevitaw ir-regoli li jillimitaw l-akkwist ta' proprjetà fuq art agrikola. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija tneħħija kienet ta' natura mhux mistennija u imprevedibbli, mingħajr ma pprovdiet il-perijodu tranżitorju meħtieġ u fl-istess ħin qassret dak ta' 20 sena mogħti qabel lill-investituri. Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt li hija ġustifikabbli, din it-tneħħija ma hijiex proporzjonata.

61. Il-*Gvern Ungeriż* isostni min-naħa tiegħu li ma hemmx ħtieġa ta' eżami separat tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl tal-Karta.

62. Fi kwalunkwe każ, fl-ewwel lok, jirriżulta mis-sentenza Nru 25, tal-21 ta' Lulju 2015 tal-Alkotmánybíróság (il-Qorti kostituzzjonali) li t-tneħħija *ex lege* tad-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni ma hijiex komparabbli mal-esproprjazzjoni. Barra minn hekk, din it-tneħħija hija ġġustifikata mill-interess ġenerali. Minn barra dan, ir-regoli tad-dritt ċivili, li jippreskrivu l-obbligu li s-sid iwettaq ftehim mal-użufruttwarju preċedenti, li jista' jkun meħtieġ minnufih meta jintemm id-dritt ta' użufrutt, jippermettu lil dan tal-aħħar li jikseb kumpens ġust, komprensiv u f'waqtu għat-telf imġarrab.

63. Fit-tieni lok, id-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni f'din il-kawża ma jistgħux jiġu koperti mill-Artikolu 17(1) tal-Karta, inkwantu dawn ikunu nkisbu illegalment u *in mala fede*.

## *2. Analiżi*

### *a) Kunsiderazzjonijiet preliminari*

64. It-tieni lment tal-Kummissjoni huwa notevoli. Fil-fatt, sa fejn naf jien, din hija l-ewwel darba li din l-istituzzjoni qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li Stat Membru kiser dispożizzjoni tal-Karta [31]. Madankollu lment ta' dan it-tip kien tħabbar. Sa mill-Komunikazzjoni tagħha tal-2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Karta, il-Kummissjoni kienet indikat li hija kienet ser tniedi "[k]ull meta jkun meħtieġ […] proċeduri kontra l-Istati Membri għal nuqqas ta' konformità mal-Karta fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" [32]. Din l-istituzzjoni, madankollu, sa issa kienet uriet li se toqgħod lura minn dan [33].

65. Din il-kawża hija l-ewwel waħda minn sensiela ta' rikorsi [34] li fihom il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel ilment tagħha, li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru mal-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat FUE u, f'ilment separat, eżami ta' din l-istess leġiżlazzjoni skont il-Karta.

66. L-ammissibbiltà ta' tali rikors ma tqajjimx kwistjonijiet fid-dawl tal-Artikolu 258 TFUE [35]. Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta rikors intiż li jiġi kkonstatat li Stat Membru "naqas li jwettaq xi obbligu tiegħu skond dan it-Trattat". Dawn l-obbligi jinkludu bla dubju d-drittijiet iggarantiti mill-Karta, li s-saħħa vinkolanti tagħha tirriżulta mir-referenza li jagħmel is-subparagrafu 1 tal-Artikolu 6(1) TUE, fejn jagħtiha "l-istess valur legali bħat-Trattati".

67. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata ksur tad-drittijiet iggarantiti fil-Karta biss jekk id-dispożizzjonijiet tagħha jorbtu lil dan l-Istat Membru fis-sitwazzjoni inkwistjoni [36]. Din il-kawża għalhekk, tqajjem, mill-ġdid, il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar il-konformità tal-Istati Membri mad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti mis-sistema ġuridika tal-Unjoni.

68. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu l-kuntest ta' din il-kwistjoni. Essenzjalment, il-punt sa fejn l-Istati Membri huma marbuta, taħt id-dritt tal-Unjoni, mir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija kwistjoni ta' natura kostituzzjonali, delikata u fundamentali, dwar it-tqassim tal-kompetenzi fi ħdan l-Unjoni. L-impożizzjoni fuq l-Istati Membri, li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali fl-azzjonijiet tagħhom, kif previsti fid-dritt tal-Unjoni għandha l-effett li tillimita l-approċċi politiċi u regolatorji disponibbli f'dawn l-istess Stati Membri, filwaqt li s-setgħa tal-Unjoni li tiddetermina l-kamp tal-possibbiltajiet tikber b'mod korrispondenti. Id-drittijiet fundamentali

31 Barra minn hekk, u sakemm ma inix sejjer żball, fl-istorja kollha tal-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, din l-istess istituzzjoni ressqet biss talba waħda intiża għall-konstatazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali rikonoxxut fis-sistema ġuridika tal-Unjoni, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' April 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-441/02, EU:C:2006:253). Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi madankollu xi sentenzi fejn id-drittijiet fundamentali huma invokati insostenn ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dritt tal-Unjoni allegatament miksura mill-Istat Membru.

32 "Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea", [COM (2010) 0573 finali, p. 10].

33 Id-diversi rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta jirreferu għall-ftuħ ta' diversi proċeduri prekontenzjużi dwar b'mod partikolari ksur tal-Karta minn ċerti Stati Membri. Madankollu, ebda waħda minn dawn il-kawżi ma waslet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Ara Łazowski, A., "Decoding a Legal Enigma: the Charter of Fundamental Rights of the European Union and infringement proceedings", Forum tal-ERA, 2013, Nru 14, p. 573 sa 587, fejn huwa nnotat li din l-eżitazzjoni tal-Kummissjoni kienet mingħajr dubju għażla strateġika tagħha, marbuta ma' nuqqas ta' ċarezza rigward il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-Karta għall-Istati Membri.

34 Ara, minbarra din il-kawża, il-kawżi pendenti Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-66/18 u Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-78/18.

35 L-istess konstatazzjoni tapplika, fil-fehma tiegħi, għad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Ara Barav, A., "*Failure of Member States to fulfil their Obbligations under Community Law*", Common Market Law Review, 1975, Nru 12, p. 369 sa 383, speċjalment p. 377.

36 Peress li proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tista' tibbaża ruħha biss fuq obbligu *fis-seħħ* u li *japplika ratione temporis* għas-sitwazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss evidentement tikkonstata ksur tad-drittijiet rikonoxxuti fil-Karta *għal fatti li seħħew wara li din kisbet saħħa vinkolanti* — jiġifieri fl-1 ta' Diċembru 2009, id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Dan huwa l-każ f'din il-kawża, peress li din il-kawża tirrigwarda l-effetti tal-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, dispożizzjoni li ġiet adottata u li daħlet fis-seħħ wara din id-data (ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punti 38 sa 49).

għandhom, għalhekk, potenzjal ta' *ċentralizzazzjoni*[37]. Barra minn hekk, fil-livell istituzzjonali, hija involuta l-kwistjoni ta' sa fejn *il-Qorti tal-Ġustizzja*, bħala qorti suprema, hija kompetenti biex tissostitwixxi lill-qrati kostituzzjonali nazzjonali u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[38] fil-kontroll tar-regolamenti u l-azzjonijiet tal-Istati Membri fid-dawl tad-drittijiet fundamentali.

69. Ċertament konxji minn dawn il-kwistjonijiet, l-awturi tal-Karta ħadu ħsieb li jillimitaw espressament iċ-ċirkustanzi li fihom din tapplika għal-liġijiet nazzjonali. Skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma intiżi għall-Istati Membri "biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni". Barra minn hekk, il-Karta u t-Trattati jiċċaraw li din ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati[39].

70. Fis-sentenza tagħha Åkerberg Fransson[40], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[i]d-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta għandhom, konsegwentement, jiġu rrispettati meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" u li "ma jistax ikun hemm każ li jkun għalhekk jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni mingħajr ma jkunu applikabbli l-imsemmija drittijiet fundamentali", b'tali mod li "[l]-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni timplika l-applikabbiltà tad-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta". B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat l-eżistenza ta' "kontinwità storika"[41] bejn il-ġurisprudenza tagħha dwar l-invokabbiltà tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

71. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri huma marbuta mid-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fis-sistema ġuridika tal-Unjoni jistgħu jiġu kklassifikati normalment f'mill-inqas żewġ kategoriji.

72. Fl-ewwel lok, skont ġurisprudenza stabbilita mis-sentenza Wachauf[42], tali drittijiet fundamentali jorbtu lill-Istati Membri *meta jimplimentaw* il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'tali mod li dawn ikollhom l-obbligu li, sa fejn hu possibbli, japplikaw dawn il-leġiżlazzjonijiet f'kundizzjonijiet li ma jiksrux dawn id-drittijiet[43].

73. Min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza ERT[44], meta Stat Membru *jidderoga* permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, mid-dritt tal-Unjoni u jinvoka *ġustifikazzjoni* rikonoxxuta minn dan id-dritt sabiex jiddefendi din il-leġiżlazzjoni, huwa jista' jibbenefika minn tali ġustifikazzjoni biss jekk din il-leġiżlazzjoni tkun konformi ma' dawn l-istess drittijiet fundamentali.

74. Il-Kummissjoni tibbaża t-tieni lment tagħha fuq din il-linja ta' ġurisprudenza. Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 17(1) tal-Karta huwa applikabbli f'dan il-każ, peress li l-Ungerija *idderogat*, permezz tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża, mil-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital.

37 Ara, *inter alia*, von Bogdandy, A., "The European Union as a Human Rights Organization? Human Rights and the core of the European Union", *Common Market Law Review*, 2000, Nru 37, p. 1307 sa 1338, speċjalment p. 1316 u 1317, kif ukoll M. Dougan, "Judicial review of Member State action under the General principles and the Charter: Defining the 'Scope of Union Law'", *Common Market Law Review*, 2015, Nru 52, p. 1201 sa 1246, speċjalment p. 1204 sa 1210.

38 Iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB".

39 Ara l-Artikolu 6(1) TUE, l-Artikolu 51(2) tal-Karta, u dikjarazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea annessa mat-Trattat FUE.

40 Sentenza tas-26 ta' Frar 2013 (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 21).

41 Dougan, M., op. cit., p. 1206.

42 Sentenza tat-13 ta' Lulju 1989 (5/88, EU:C:1989:321, punti 17 sa 19).

43 Din il-ġurisprudenza tkopri kemm l-applikazzjoni tar-Regolamenti (sentenza tal-24 ta' Marzu 1994, Bostock, C-2/92, EU:C:1994:116) kif ukoll it-traspożizzjoni tad-Direttivi (sentenza tal-10 ta' Lulju 2003, Booker Aquaculture u Hydro Seafood, C-20/00 u C-64/00, EU:C:2003:397) jew dik tad-Deċiżjonijiet Qafas (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198), kif ukoll l-applikazzjoni tal-obbligi li joħorġu mit-Trattati (sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:936). Għal diskussjoni sħiħa ta' din il-linja ta' ġurisprudenza, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Ispas (C-298/16, EU:C:2017:650, punti 32 sa 65).

44 Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1991 (C-260/89, EU:C:1991:254, punti 43 sa 45), (iktar 'il quddiem "is-sentenza ERT").

75. Madankollu, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina il-kwistjoni ta' ksur potenzjali tal-Karta mhux fil-kuntest ta' ġustifikazzjoni possibbli tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża skont il-libertajiet ta' moviment invokati — li hija s-suġġett tal-ewwel ilment — iżda *indipendentement* minn din il-kwistjoni, sabiex tikseb *konstatazzjoni awtonoma ta' nuqqas ta' konformità mal-Karta*. Fil-fatt, din l-istituzzjoni tqis, essenzjalment, li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali li tidderoga minn libertà ta' moviment tista' wkoll tirrestrinġi d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, il-ksur eventwali tal-Karta għandu jiġi eżaminat *b'mod separat*.

76. Jiena ma naqbilx ma' dan l-argument. Kif ikkonkludejt fil-kawżi magħquda SEGRO u Horváth[45], u skont il-ġurisprudenza "ERT", il-kwistjoni ta' ksur possibbli ta' dritt fundamentali ggarantit mill-Karta, kif ukoll dik tal-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi invokati mill-Kummissjoni fl-ewwel ilment tagħha[46], *ma tistax tiġi eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja indipendentement mill-kwistjoni tal-ksur tal-libertajiet ta' moviment*. Għalhekk inqis neċessarju li nispjega f'aktar dettall f'dawn il-konklużjonijiet, ir-raġunijiet sottostanti għall-pożizzjoni tiegħi.

### *b) Ir-"raison d'être" u l-limiti tal-ġurisprudenza "ERT"*

77. Għandu jitfakkar li l-kawża li wasslet għas-sentenza ERT kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Griega li tagħti lil operatur nazzjonali monopolju fuq ir-radju u t-televiżjoni. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet irċeviet għadd ta' mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà ta' tali monopolju mad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[47], li jiggarantixxi d-dritt għal-libertà tal-espressjoni.

78. Il-leġiżlazzjoni inkwistjoni wasslet għal effetti diskriminatorji kontra emissjonijiet minn Stati Membri oħra. Hija kienet għaldaqstant inkompatibbli mal-libertà ta' moviment tas-servizzi li hija prevista fl-Artikolu 59 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE), sakemm din ma tkunx tista' tiġi appoġġjata minn waħda mir-raġunijiet espressament previsti fl-Artikoli 56 KE u 66 KE[48], jiġifieri l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika[49].

79. F'dan l-istadju, l-Artikolu 10 tal-KEDB ippreżenta interess għall-Qorti tal-Ġustizzja. Filwaqt li fakkret li ma huwiex kompitu tagħha li tevalwa, fid-dawl ta' din il-konvenzjoni, ir-regoli nazzjonali li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[50], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, f'dan il-każ, kellha tindirizza l-kwistjoni tad-drittijiet fundamentali[51].

80. B'mod aktar speċifiku, sa fejn ir-Repubblika Ellenika kellha l-intenzjoni tinvoka d-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikoli 56 u 66 KE biex tiġġustifika l-leġiżlazzjoni kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "din il-ġustifikazzjoni, prevista mid-dritt Komunitarju" kellha tiġi "*interpretata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u b'mod partikolari tad-drittijiet fundamentali*". Għaldaqstant, din il-leġiżlazzjoni tista' tibbenefika mill-eċċezzjonijiet ipprovduti b'dawn id-dispożizzjonijiet biss "jekk hija konformi mad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja

45 C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410, punt 121.

46 Ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

48 B'mod aktar speċifiku, dawn il-ġustifikazzjonijiet jidhru fl-Artikolu 56 KE (li sar l-Artikolu 52 TFUE) u huma applikabbli għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi bir-referenza fl-Artikolu 66 KE (li sar l-Artikolu 62 TFUE).

49 Sentenza ERT, punt 26.

50 L-espressjoni kienet intużat għall-ewwel darba mill-Qorti tal-Ġustizzja ftit ta' snin qabel fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 1987, Demirel (12/86, EU:C:1987:400).

51 Sentenza ERT, punt 42.

tiggarantixxi r-rispett tagħhom"[52], inkluża l-libertà tal-espressjoni minquxa fl-Artikolu 10 tal-KEDB, integrata fis-sistema Komunitarja bħala prinċipju ġenerali tad-dritt[53]. Fi kliem ieħor, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali kienu parti mill-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti sabiex jibbenefikaw mill-ġustifikazzjonijiet li jirrigwardaw l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika[54].

81. Qabel kollox, il-ġurisprudenza "ERT" ma ssegwix loġika ċara bħal dik sottostanti għas-sentenza Wachauf[55], li tirrigwarda l-każijiet fejn l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

82. Fil-fatt, il-ġurisprudenza "Wachauf", hija kompletament konformi mal-loġika li wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali bħala parti integrali mis-sistema ġuridika tal-Unjoni[56]: minn naħa, huwa meħtieġ li l-individwi jkunu mħarsa kontra l-indħil illegali tal-Unjoni fid-drittijiet tagħhom; min-naħa l-oħra, l-Istati Membri ma jistgħux jirrevedu l-azzjoni tal-Unjoni skont l-istandard kostituzzjonali tagħhom stess, mingħajr ma jimminaw l-unità, is-supremazija u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. L-istandards nazzjonali huma għalhekk miċħuda iżda, min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tintegra d-drittijiet fundamentali mnebbħa minn "tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri" fil-prinċipji ġenerali tad-dritt li hi tiżgura li jiġu rispettati[57]. Issa, peress li l-implimentazzjoni ta' ħafna mill-politiki tal-Unjoni tiddependi fuq l-Istati Membri, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti mis-sistema ġuridika tal-Unjoni tiġi estiża lil dawn l-Istati Membri meta jaġixxu bħala "aġenti" tal-Unjoni. Meta politika tal-Unjoni tiġi implimentata, hija r-responsabbiltà ta' din tal-aħħar li tiżgura li l-Istati Membri ma jkunux qed iwettqu ksur tad-drittijiet fundamentali f'isimha[58].

83. Min-naħa l-oħra, f'sitwazzjoni "ERT", permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, l-Istat Membru kkonċernat mhux qed jimplimenta politika tal-Unjoni, iżda politika nazzjonali li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu[59]. Sempliċement ġara li, meta għamel dan, dan l-Istat Membru "laqat ħażin" — volontarjament jew le — regola tad-dritt tal-Unjoni, bħalma huma l-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat FUE, u pprova jiġġustifika lilu nnifsu[60].

84. Madankollu, fil-fehma tiegħi, tliet ġustifikazzjonijiet normattivi, relatati għalkemm distinti, huma l-bażi tal-ġurisprudenza "ERT" u tiegħu jikkostitwixxu r-"raison d'être".

52 Sentenza ERT, punt 43 (enfasi miżjuda minni).

53 Ara s-sentenza ERT, punt 44.

54 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza ERT, punt 45.

55 Sentenza tat-13 ta' Lulju 1989 (5/88, EU:C:1989:321).

56 Moviment mibdi mis-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder (29/69, EU:C:1969:57), tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114), kif ukoll tal-14 ta' Mejju 1974, Nold vs Il-Kummissjoni (4/73, EU:C:1974:51).

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114, punt 3), tat-13 ta' Diċembru 1979, Hauer (44/79, EU:C:1979:290, punt 14); tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60), kif ukoll tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa (C-206/13, EU:C:2014:126, punti 31 u 32).

58 Weiler, J.H.H. u Lockhart, N.J.S. ("'Taking rights seriously' seriously: the European court and its fundamental rights jurisprudence – part II", *Common Market Law Review*, 1995, Nru 32, p. 579 sa 627, speċjalment p. 583 u 610.

59 Għal din ir-raġuni, il-ġurisprudenza "ERT" mhijiex daqstant kunsenswali daqs il-ġurisprudenza "Wachauf". Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja regolarment tintalab tabbanduna l-ġurisprudenza "ERT" (Jacobs, F.G., "Human Rights in the European Union: the role of the Court of Justice", *European Law Review*, 2001, Nru 26, p. 331 sa 341; Huber, P.M., "The Unitary Effect of the Community's Fundamental Rights: The ERT-Doctrine Needs to be Reviewed", European Public Law, 2008, Nru 14, p. 323 sa 333; Kühn, Z., "*Wachauf* and *ERT*: On the Road from the Centralised to the Decentralised System of Judicial Review", Poiares Maduro, M., Azoulai, L. (eds), *The Past and Future of EU Law*, Oxford and Portland, Oregon, 2010, p. 151 sa 161, speċjalment p. 157.) jew biex tkun prudenti fl-applikazzjoni tagħha (ara Weiler, "fundamental rights and fundamental boundaries", *The constitution of Europe*, Kapitolu 3, *Cambridge University Press*, 1999, li jissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tillimita ruħha li tfakkar lill-Istati Membri l-obbligi tagħhom taħt il-KEDB, kif ukoll Snell, J., "Fundamental Rights Review of National Measures: Nothing New under the Charter?", *European Public Law*, 2015, Volum 21, Nru 2, p. 285 sa 308, speċjalment p. 306).

60 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki meta l-Istati Membri jaġixxu taħt il-kompetenza esklużiva tagħhom, huma obbligati, fl-eżerċizzju ta' din tal-aħħar, li jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-libertajiet tal-moviment ipprovduti mit-Trattati. Ara b'mod partikolari s-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 25), tal-11 ta' Diċembru 2007, The International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union (C-438/05, EU:C:2007:772, punt 40), u tal-5 ta' Ġunju 2018, Coman *et* (C-673/16, EU:C:2018:385, punti 37 u 38).

85. L-ewwel nett, il-punt sa fejn l-Istati Membri jistgħu jidderogaw validament mil-libertajiet tal-moviment huwa mingħajr dubju kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni[61]. Il-firxa ta' din il-possibbiltà tiddependi mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet fit-Trattati dwar dawn il-libertajiet u ma tistax tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru skont il-valuri tiegħu stess, mingħajr ma jimmina l-effettività u l-applikazzjoni uniformi tal-imsemmija libertajiet fl-Istati Membri kollha. Din l-istess possibbiltà għandha tkun irregolata *fid-dawl tal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni*[62].

86. Sussegwentement, is-sentenza ERT tirrifletti l-prinċipju li d-dritt tal-Unjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar il-libertajiet ta' moviment, *għandu dejjem jiġi interpretat skont id-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiggarantixxi r-rispett tagħhom.* Fil-fatt, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra, fir-rigward ta' dawn il-libertajiet, li leġiżlazzjoni nazzjonali li tikser dawn id-drittijiet fundamentali hija ammissibbli, dan ikun ifisser li huwa aċċettabbli li, kuntrarjament għall-prinċipju ta' interpretazzjoni mfakkar hawnhekk, il-libertajiet inkwistjoni jista' jkollhom tifsira li *tittollera ksur bħal dan*[63].

87. Fl-aħħar nett, analiżi skont id-drittijiet fundamentali hija, f'ċerti ċirkustanzi, indispensabbli sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima dwar il-libertajiet ta' moviment. Fil-fatt, *ċerti ġustifikazzjonijiet huma intrinsikament marbutin ma' kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali.* Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta Stat Membru jinvoka, biex jiġġustifika lilu nnifsu, motiv ta' sigurtà pubblika jew dritt fundamentali fis-sistema ġuridika nazzjonali tiegħu[64]. Nikkunsidraw, pereżempju, il-kawża li wasslet għas-sentenza Society for the Protection of Unborn Children Ireland (SPUC)[65]. Infakkar li f'din il-kawża kienet inkwistjoni leġiżlazzjoni Irlandiża li tipprojbixxi l-għoti ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' abort — kostituzzjonalment ipprojbit fl-Irlanda sa ftit ilu — disponibbli fi Stati Membri oħra. Kieku f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, kuntrarjament għal dak li hija ddeċidiet, li din il-leġiżlazzjoni tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tas-servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kien ikollha tittratta l-ġustifikazzjoni tal-Irlanda bbażata fuq id-dritt għall-ħajja, kif stabbilit fil-Kostituzzjoni Irlandiża. F'dan il-kuntest, kien ikun partikolarment diffiċli mil-lat metodoloġiku u normattiv li dan id-dritt ma jiġix ibbilanċjat mal-libertà ta' espressjoni[66].

88. F'sentenzi sussegwenti, b'mod partikolari fis-sentenza Familiapress[67], il-Qorti estendiet il-ġurisprudenza "ERT" għal sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jipprova jiġġustifika deroga għal-libertajiet ta' moviment billi jinvoka, mhux eċċezzjoni espressament prevista mit-Trattat FUE — ordni pubbliku, sigurtà pubblika, saħħa pubblika –, iżda waħda mill-ġustifikazzjonijiet mhux miktuba rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja — magħrufa bħala "rekwiżiti imperattivi", "raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" jew ukoll "objettivi ta' interess ġenerali".

61 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2013:747, punt 45); Tridimas, T., *The General Principles of EU Law*, Oxford University Press, it-2 edizzjoni, 2006, p. 325; Craig, P., "The ECJ and ultra vires action: a conceptual analysis", *Common Market Law Review*, 2011, Nru 48, p. 395 sa 437, speċjalment p. 431; Eriksen, C.C., Stubberud, J.A., "Legitimacy and the Charter of Fundamental Rights Post-Lisbon", Andenas, M., Bekkedal, T., Pantaleo, L., *The Reach of Free Movement*, Springler, 2017, p. 229 sa 252, speċjalment p. 240.

62 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Van Gerven fil-kawża Society for the Protection of Unborn Children Ireland (C-159/90, mhux ippubblikati, EU:C:1991:249, punt 31), kif ukoll Weiler, J.H.H., Fries, S.C., "A human rights policy for the European Community and Union: The question of competences", Alston, P., (ed.), *The EU and Human Rights, Oxford University Press*, 1999, p. 163, kif ukoll M. Dougan, M. op. cit., p. 1216, li jenfasizza li l-ġurisprudenzi "Wachauf" u "ERT" huma, fl-aħħar mill-aħħar, relatati minħabba l-istess rekwiżit ta' unità u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni.

63 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fis-sentenza Familiapress (C-368/95, EU:C:1997:150, punt 26) u Eeckhout, P., "The EU Charter of Fundamental Rights and the Federal Question", *Common Market Law Review*, 2002, Nru 39, p. 945 sa 994, speċjalment p. 978.

64 Ipoteżi inkwistjoni b'mod partikolari fis-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2003, Schmidberger (C-112/00, EU:C:2003:333), u tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, EU:C:2004:614).

65 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 1991, (C-159/90, EU:C:1991:378).

66 Ara Eeckhout, P., op. cit., p. 978 (l-eżempju huwa meħud minn dan l-Artikolu), u, von Danwitz, T., Paraschas, K., "A Fresh Start for the Charter: Fundamental Questions on the Application of the European Charter of Fundamental Rights", *Fordham International Law Journal*, 2017, Nru 35, p. 1396 sa 1425, speċjalment p. 1406.

67 Sentenza tas-26 ta' Ġunju 1997 (C-368/95, EU:C:1997:325, punt 24).

89. Din kienet estensjoni sinjifikanti, iżda fl-opinjoni tiegħi ġġustifikata. Fil-fatt, ma hemmx lok ta' distinzjoni bejn jekk Stat Membru jinvokax eċċezzjoni espressament prevista mit-Trattat FUE jew ġustifikazzjoni mhux miktuba[68]. Fi kwalunkwe każ, huwa jibbaża fuq dispożizzjoni tat-Trattat FUE li tippermetti din id-deroga — fil-kuntest tal-ġustifikazzjonijiet mhux miktuba, hija r-regola tal-moviment liberu nnifisha — u l-loġika hija identika: din id-dispożizzjoni hija "*interpretata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u b'mod partikolari tad-drittijiet fundamentali*"[69].

90. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ġurisprudenza "ERT" hija bbażata fuq *l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar il-libertajiet ta' moviment fir-rigward tad-drittijiet fundamentali.* L-eżami tad-drittijiet fundamentali għandu l-funzjoni li jiddeċiedi l-kwistjoni tar-rispett ta' dawn il-libertajiet ta' moviment[70]. Din il-ġurisprudenza tippermetti *ċ-ċaħda ta' ġustifikazzjoni* invokata minn Stat Membru minħabba ksur ta' dritt fundamentali rikonoxxut fis-sistema ġuridika tal-Unjoni[71].

91. B'hekk, fil-kuntest tal-ġurisprudenza "ERT", il-kwistjoni tad-drittijiet fundamentali u dik tal-libertajiet ta' moviment huma *marbuta b'mod inseparabbli.* Minn dan isegwi li ma huwiex possibbli, fil-fehma tiegħi, kemm fuq livell metodoloġiku kif ukoll fuq il-livell normattiv, li dawn iż-żewġ kwistjonijiet jiġu diżassoċjati, kif issuġġerit mill-Kummissjoni f'din il-kawża.

92. Id-dħul fis-seħħ tal-Karta fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija sal-lum, ma fixkilx daqstant din l-analiżi. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat fis-sentenza Pfleger *et*[72] li l-ġurisprudenza "ERT" għadha tapplika fil-kuntest tal-Karta. B'mod aktar preċiż, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[l]-użu, minn Stat Membru, tal-eċċezzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni biex jiġġustifika ostakolu għal libertà fundamentali ggarantita bit-Trattat [FUE] għandu [...] jiġi kkunsidrat [...] kif 'jimplimenta d-dritt tal-Unjoni', fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta"[73].

93. Madankollu, fis-sentenzi Berlington Hungary *et*[74], AGET Iraklis[75] u Global Starnet[76], mogħtija fid-dawl tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet applikazzjoni għal kollox ortodossa tal-ġurisprudenza "ERT", meta qieset id-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-analiżi ta' ġustifikazzjoni possibbli tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fid-dawl tal-libertajiet ta' moviment applikabbli.

94. Ċertament, fis-sentenza Pfleger *et*[77], il-Qorti tal-Ġustizzja firdet, fuq il-livell formali, il-kwistjoni tal-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-Artikoli 15 sa 17 tal-Karta mill-kwistjoni tal-libertajiet ta' moviment. Madankollu, fil-fehma tiegħi, ma huwiex possibbli li jinstiltu konklużjonijiet ċari minn din is-sentenza. Minn naħa, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni setgħet tkun iġġustifikata fid-dawl tal-libertajiet ta' moviment, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja irrinvijat lill-qorti tar-rinviju l-kompitu li teżamina l-proporzjonalità[78]. F'dan il-kuntest, analiżi addizzjonali tal-imsemmija leġiżlazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta kienet iġġustifikata minn perspettiva ta' "ERT". Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja neħħiet il-bżonn li teżamina b'mod separat dawn id-dispożizzjonijiet tal-Karta *in concreto*, meta indikat li, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha

68 Ara, contra, Besselink, L.F.M., "The member States, the National Constitutions and the Scope of the Charter", *Maastricht Journal*, 2001, Nru 8, p. 68 sa 80, speċjalment p. 77.

69 Sentenza tas-26 ta' Ġunju 1997, Familiapress (C-368/95, EU:C:1997:325, punt 24). Ara, tal-istess opinjoni, Tridimas, T., *op. cit.*, p. 326.

70 Dan il-karattru funzjonali jirriżulta wkoll mill-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-kawża Familiapress (C-368/95, EU:C:1997:150, punt 26): "[...] inqis li l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-Artikolu 10 tal-[KEDB], li tqajmet matul il-proċedura, jistħoqqilha risposta min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja. *U dan, naturalment, fkaż li l-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tista' tiġi ġġustifikata abbażi tar-rekwiżiti imperattivi li għadni kif eżaminajt.*" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

71 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410, punt 129).

72 Sentenza tat-30 ta' April 2014 (C-390/12, EU:C:2014:281).

73 Sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punt 36).

74 Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015 (C-98/14, EU:C:2015:386, punti 74 sa 91).

75 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016 (C-201/15, EU:C:2016:972, punti 61 sa 70 kif ukoll 102 u 103).

76 Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017 (C-322/16, EU:C:2017:985, punti 44 sa 50).

77 Sentenza tat-30 ta' April 2014 (C-390/12, EU:C:2014:281).

78 Ara s-sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punti 48 sa 55).

tikkostitwixxi restrizzjoni sproporzjonata għall-moviment liberu tas-servizzi, hija awtomatikament inkompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod li tali eżami ma huwiex neċessarju[79]. Għalhekk, kif kont indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda SEGRO u Horváth[80], is-sentenza Pfleger *et*[81] tħalli dubju fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi eżaminat ksur allegat tal-Karta indipendentement mill-kwistjoni tal-ksur tal-libertajiet ta' moviment.

### *c) Il-kunsiderazzjonijiet li, fil-fehma tiegħi, għandhom iwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex ma tmurx lil hinn mill-ġurisprudenza "ERT"*

95. Fil-fehma tiegħi, it-tieni lment tal-Kummissjoni ma jirriżultax mis-sempliċi loġika tal-ġurisprudenza "ERT". Din hija, fil-fehma tiegħi, estensjoni ulterjuri — jekk mhux ukoll żnaturament — ta' din il-ġurisprudenza.

96. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, la iktar u lanqas inqas, li tiddeċiedi dwar dritt fundamentali ggarantit mill-Karta, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li diġà tikser id-dritt primarju tal-Unjoni. Meta taċċetta jew, għall-kuntrarju, meta tirrifjuta l-kompetenza tagħha sabiex tiddeċiedi dwar it-tieni lment tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qed tagħmel għażla bejn *żewġ filosofiji differenti* dwar il-pożizzjoni tad-drittijiet fundamentali fis-sitwazzjonijiet ta' "deroga".

97. Skont l-ewwel filosofija — dik li tirriżulta mis-sentenza ERT — il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssolvix, fis-sitwazzjonijiet ta' "deroga", kwistjoni ta' drittijiet fundamentali bħala tali, bħal qorti kostituzzjonali. Hija tindirizza tali problema sa fejn ikun meħtieġ sabiex tivverifika jekk Stat Membru għandux id-dritt li jidderoga, b'mod partikolari, minn waħda mil-libertajiet ta' moviment. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali meta dawn *jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, inkluż fid-dimensjoni funzjonali tiegħu.*

98. Skont it-tieni filosofija — dik issuġġerita mill-Kummissjoni f'dan il-każ — il-kontroll tar-rispett tad-drittijiet fundamentali huwa distint mill-kwistjoni tal-konformità mal-libertajiet ta' moviment. Ir-restrizzjoni għall-imsemmija libertajiet topera bħala *bieb* għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Meta jiftaħ dan il-bieb, l-Istat Membru *huwa obbligat jirrispetta il-katalgu tad-drittijiet fundamentali li jidher hemmhekk*, u l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza sabiex tiddeċiedi b'mod awtonomu dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata ma' kull wieħed minnhom.

99. Għall-Kummissjoni, eżami tal-liġijiet tal-Istati Membri fid-dawl tal-Karta f'kawżi bħal din huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-istat tad-dritt f'dawn l-Istati. Il-konstatazzjoni ta' ksur tal-Karta f'dawn il-każijiet tikkostitwixxi, għall-individwi affettwati mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, espressjoni ta' dan l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, tali applikazzjoni tal-Karta żżid il-viżibbiltà tagħha u twassal għal leġittimizzazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'għajnejn iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

100. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm l-ewwel filosofija, u ma tidħolx fil-qasam fejn tixtieq twassalha l-Kummissjoni.

101. L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, fis-sistema ġuridika tal-Unjoni, dimensjoni tal-istat tad-dritt li hija daqstant importanti daqs il-promozzjoni ta' politika ta' drittijiet fundamentali hija r-rispett tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri[82]. Hija kwistjoni tal-leġittimità ta' intervent tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, li hija tiżgura r-rispett tagħhom, f'politika nazzjonali.

79 Ara s-sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punti 59 u 60).

80 C-52/16 u C-113/16, EU:C:2017:410, punt 141.

81 Sentenza tat-30 ta' April 2014 (C-390/12, EU:C:2014:281).

82 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2010:560, punt 162), kif ukoll Weiler, J.H.H. u Fries, S.C., op. cit.

102. Fil-fehma tiegħi, mill-perspettiva ta' tqassim ġust tal-kompetenzi, iktar ma l-Unjoni jkollha, f'konformità mal-kompetenzi tagħha, politika u strumenti li jistabbilixxu regoli komuni f'qasam, iktar ikun leġittimu għaliha li timponi r-rispett tad-drittijiet fundamentali, kif previst fid-dritt tal-Unjoni. Issa, infakkar li, f'sitwazzjoni ta' deroga, l-Istat Membru kkonċernat jaġixxi, bħala ipoteżi, f'qasam fejn ma jeżisti l-ebda strument tal-Unjoni li jgħaqqad, jarmonizza jew ukoll jikkoordina l-kwistjoni. Dak l-Istat Membru jimplimenta politika nazzjonali, li taqa' taħt il-kompetenzi tiegħu. Hija applikabbli biss libertà ta' moviment, jew regola ta' *armonizzazzjoni negattiva*, importanti kemm tkun importanti. Fi kliem ieħor, id-dritt tal-Unjoni *jirregola* l-kompetenza tal-Istati Membri li jimplimentaw l-għażliet politiċi nazzjonali tagħhom, *iżda ma jieħdux din il-kompetenza mid-dritt tal-Unjoni*[83] *u dan id-dritt ma jiddefinixxix l-eżerċizzju tagħha*[84].

103. Minkejja dan, kif ġie rrilevat fil-punti 85 sa 87 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-ġurisprudenza "ERT" għandha ġustifikazzjonijiet normattivi: (1) il-ħtieġa li tiġi żgurata l-uniformità u l-effettività tal-libertajiet ta' moviment, (2) l-obbligu li t-Trattat FUE jiġi interpretat, fiċ-ċirkustanzi kollha, b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali u (3) il-ħtieġa li tingħata deċiżjoni fuq dawn id-drittijiet sabiex tinqata' l-kawża dwar dawn il-libertajiet.

104. Madankollu, jekk tiġi segwita l-filosofija proposta mill-Kummissjoni f'din il-kawża, dawn il-ġustifikazzjonijiet ma jreġġgħux iktar: (1) diffiċilment jista' jiġi sostnut li hemm riskju għall-uniformità u l-effettività tal-libertajiet ta' moviment li għandhom jiġu indirizzati — peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, fi kwalunkwe każ, ma hijiex kompatibbli ma' dawn il-libertajiet —, (2) ma hijiex iktar kwistjoni ta' interpretazzjoni tat-Trattat FUE fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, iżda tal-applikazzjoni awtonoma ta' dritt fundamentali u (3) intervent fil-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali ma huwiex neċessarju sabiex tiġi deċiża l-kawża dwar dawn il-libertajiet. Jibqa' biss l-argument tal-"kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", mifhuma mhux fid-dimensjoni funzjonali tagħha iżda b'mod purament formali: hemm deroga mid-dritt tal-Unjoni, u allura il-Karta hija applikabbli. Madankollu, m'iniex konvint li dan l-argument jipprovdi ġustifikazzjoni normattiva suffiċjenti biex jilleġittima l-istħarriġ, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' politika nazzjonali abbażi tad-drittijiet fundamentali li tagħha hija tiżgura r-rispett[85].

105. Fit-tieni lok, id-dħul fis-seħħ tal-Karta ma jistax jiġġustifika l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-drittijiet fundamentali f'sitwazzjonijiet ta' "deroga". F'dan ir-rigward, ma nistax ma nfakkarx, li din tal-aħħar ma kellhiex preċiżament testendi l-kompetenzi tal-Unjoni[86]. Estensjoni tal-ġurisprudenza "ERT" tkun, barra minn hekk, żbaljata storikament, fid-dawl tal-proċess ta' adozzjoni ta' dan l-istrument.

83 Is-sitwazzjonijiet tad-"derogi" għandhom għalhekk jiġu distinti minn dawk fejn leġiżlazzjoni tal-Unjoni tħalli marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri: l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni f'dan l-aħħar kuntest hija għal kollox iġġustifikata ladarba din id-diskrezzjoni hija parti minn politika tal-Unjoni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et* (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 68) kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova (C-406/15, EU:C:2017:198, punti 52 u 53)] u l-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jagħti lill-Istati Membri diskrezzjoni biex jiksru d-drittijiet fundamentali.

84 Nippreċiża li, f'din il-kawża, ebda regola tal-Unjoni ma hija implimentata, fis-sens strett tal-kelma, mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża. B'mod partikolari, din ma tirriżultax minn implimentazzjoni tal-Anness X tal-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari tal-Ungerija, peress li dan l-att kien jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-akkwist tal-proprjetà u mhux l-użufrutt. Lanqas ma huwa każ ta' traspożizzjoni ħażina tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat [KE, artikolu mħassar mit-Trattat ta' Amsterdam] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10), sa fejn, b'mod partikolari, din id-Direttiva ma għadhiex fis-seħħ.

85 Ara wkoll Eeckhout, P., op. cit., p. 975.

86 Ara l-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

106. Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-Artikolu 51(1) tal-Karta, li permezz tiegħu din torbot lill-Istati Membri biss meta "jimplimentaw" id-dritt tal-Unjoni, kien is-suġġett ta' proċess editorjali tal-inqas imqanqal, li matulu ħarġet il-biża' li l-Karta tiġi applikata b'mod wiesa' mill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkontrolla l-liġijiet nazzjonali[87]. Ir-riżultat, kif kulħadd jaf, huwa ambigwu: minn naħa, il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, fil-verżjoni finali tagħha, tidher li teskludi sitwazzjonijiet ta' "deroga" iżda, min-naħa l-oħra, l-ispjegazzjonijiet li jakkumpanjaw il-Karta[88] jsemmu is-sentenza ERT. Madankollu, minn dan il-proċess toħroġ xewqa ċara għall-prudenza fl-applikazzjoni tal-Karta għall-politiki nazzjonali: din għandha tapplika qabel kollox għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni u f'każijiet limitati "biss" għall-Istati Membri. Fid-dawl tat-termini magħżula mil-awturi tal-Karta fl-imsemmi Artikolu 51(1) u minkejja l-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta, din il-prudenza hija *partikolarment rilevanti fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' "deroga"*.

107. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet leġittimament, fis-sentenza Åkerberg Fransson[89], tafferma *l-kontinwità* tal-kompetenza tagħha fil-qasam tad-drittijiet fundamentali[90], u b'hekk tiżgura konsistenza opportuna bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta u dak tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, ikun diffiċilment konformi mar-rieda tal-awturi tal-Karta li wieħed imur *lil hinn minn dak li kien isir qabilha* f'dawn is-sitwazzjonijiet ta' "deroga". B'mod partikolari, m'iniex ċert li l-eżami ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta meta dan ma jkunx meħtieġ biex tiġi solvuta l-kwistjoni tal-libertajiet ta' moviment huwa konsistenti mal-loġika sottostanti għal-limitu impost, minn dawn l-istess awturi, fl-Artikolu 51(1) tagħha. Ikun iktar inkonsistenti ma' din il-loġika, pereżempju, li wieħed jaħtaf l-opportunità ta' ostakolu għal-libertà ta' moviment tal-oġġetti sabiex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod distint u awtonomu, mill-perspettiva ta' dritt fundamentali rikonoxxut lill-ħaddiema, bħall-Artikolu 31 tal-Karta ("Kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u ekwi").

108. Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li, fl-Unjoni Ewropea, id-drittijiet fundamentali huma suġġetti għal sistema ta' protezzjoni f'diversi livelli, li tinvolvi l-kostituzzjonijiet nazzjonali u l-KEDB, li għaliha l-Istati Membri kollha huma partijiet[91].

109. Għalhekk, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix deċiżjoni, f'sitwazzjoni ta' "deroga", dwar kwistjoni ta' drittijiet fundamentali ma jfissirx, fuq livell sistematiku, li hemm nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawn għandhom ir-rimedji nazzjonali u, meta dawn ir-rimedji jiġu eżawriti, jistgħu jippreżentaw rikors quddiem il-Qorti EDB.

87 Ara b'mod partikolari n-nota tal-Presidju tal-Konvenzjoni tal-15 ta' Frar 2000 (KARTA 4123/1/00 REV 1) li tindika illi l-Karta għandha tapplika għall-Istati Membri biss meta dawn *jittrasponu jew jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni*, motivata mix-xewqa li jiġi evitat li dawn l-Istati jkunu marbutin biha meta jaġixxu fil-qasam ta' kompetenza tagħhom. L-abbozzi suċċessivi kienu varjaw bejn l-"implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" (KARTA 4149/00 u KARTA 4235/00) u l-"kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" (KARTA 4316/00).

88 Spjegazzjonijiet relatati mal-[Karta] (ĠU 2007, C 303, p. 17).

89 Sentenza tas-26 ta' Frar 2013 (C-617/10, EU:C:2013:105).

90 Ara l-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

91 Ara l-25 Kungress tal-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dritt Ewropew (FIDE), l-introduzzjoni ta' J.M. Sauvé, magħmula fit-30 ta' Mejju 2012 f'Tallinn (l-Estonja), li tenfasizza t-tliet movimenti mħaddma fil-kontinent Ewropew b'rabta mad-drittijiet fundamentali, jiġifieri l-espansjoni tad-drittijiet, il-proliferazzjoni tas-sorsi tagħhom u l-pluralità tal-interpreti tagħhom.

110. L-intervent tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kamp tad-drittijiet fundamentali għandu għalhekk jiffoka fuq l-oqsma li effettivament jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, jiġifieri, l-ewwel nett, l-azzjoni tal-Unjoni nfisha u tal-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw il-politiki tagħha[92]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha twettaq l-inkarigu tagħha bl-ikbar determinazzjoni[93]. F'sitwazzjoni ta' "deroga", min-naħa l-oħra, hija tabilħaqq ir-responsabbiltà tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja li jintervjenu meta dan ma jkunx meħtieġ biex tissolva l-kwistjoni tal-libertajiet ta' moviment u tiġi żgurata l-unità jew l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni?

111. Bħala l-interpretu suprem tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha responsabbiltà li tiżgura li dawn id-drittijiet jiġu rrispettati fl-isfera tal-kompetenza tal-Unjoni[94]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex, kuntrarjament għall-qrati kostituzzjonali nazzjonali u l-Qorti EDB, *mandat speċifiku li tippenalizza kull ksur tad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri*. Għalhekk, nista' biss nagħtiha parir biex, fis-sitwazzjonijiet ta' "deroga", tagħti interpretazzjoni stretta tal-kompetenza tagħha f'dan il-qasam.

112. Dan kollu jwassalni sabiex nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, prinċipalment, li tiċħad it-tieni lment tal-Kummissjoni.

### *d) Sussidjarjament: in-natura superfluwa ta' eżami separat tal-Artikolu 17 tal-Karta f'din il-kawża*

113. Jekk wieħed jassumi li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq it-tieni lment tal-Kummissjoni, nikkonkludi, sussidjarjament, li, eżami separat tal-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji fid-dawl tal-Artikolu 17 tal-Karta huwa *superfluwu*.

114. Fil-fatt, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrestrinġi l-libertajiet ta' moviment tirrestrinġi wkoll id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 15 ("Il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol"), l-Artikolu 16 ("Il-libertà tal-intrapriża") u fl-Artikolu 17 ("Id-dritt għall-proprjetà") tal-Karta. Barra minn hekk, sa fejn tali restrizzjoni ma tistax tkun iġġustifikata fil-kuntest ta' dawn il-libertajiet ta' moviment, lanqas ma hija ammissibbli, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta[95], meta mqabbla mal-imsemmija Artikoli 15, 16 u 17[96].

115. Il-Kummissjoni ssostni, madankollu, li minkejja li analiżi separata skont l-Artikoli 15 u 16 tal-Karta ma tkunx ġustifikata b'mod ġenerali — peress li l-kontenut ta' dawn l-artikoli jikkoinċidi ma' dak tal-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat FUE –, tali analiżi hija meħtieġa f'dan il-każ, peress li l-kontenut tal-Artikolu 17 tal-Karta huwa *iktar wiesa'* minn dak tal-moviment liberu tal-kapital jew tal-libertà ta' stabbiliment.

92 Ara l-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet. Dan il-kontroll tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni mill-Istati Membri jimplika dak tar-rimedji previsti minn dawn l-Istati, abbażi tal-Artikolu 19 TUE, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet fil-kawża jkollhom, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, possibbiltà effettiva li jikkontestaw fil-qorti l-legalità ta' kull att nazzjonali li jimplimenta dan id-dritt. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punti 29 sa 37).

93 Id-dikjarazzjoni li l-Kummissjoni kienet ser tniedi "[k]ull meta jkun meħtieġ [...] proċeduri kontra l-Istati Membri għal nuqqas ta' konformità mal-Karta fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", imfakkra fil-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, kienet hija stess f'kuntest fejn din l-istituzzjoni riedet tiżgura li *l-azzjoni tal-UE tkun impekkabbli għal dak li jirrigwarda d-drittijiet fundamentali*, peress li l-Karta trid isservi *bħala kumpass għall-politiki tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri* [ara "*Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea*", COM (2010) 0573 finali, p. 4].

94 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2010:560, punt 155).

95 Skont din id-dispożizzjoni, "[k]ull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn".

96 Ara s-sentenzi tat-30 ta' April 2014, Pfleger *et* (C-390/12, EU:C:2014:281, punti 57 sa 60); tal-11 ta' Ġunju 2015, Berlington Hungary *et* (C-98/14, EU:C:2015:386, punti 90 u 91); tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis (C-201/15, EU:C:2016:972, punti 102 u 103), kif ukoll tal-20 ta' Diċembru 2017, Global Starnet (C-322/16, EU:C:2017:985, punt 50).

116. Dan l-argument ma jikkonvinċinix. Mill-bidu nirrileva li, fil-ġurisprudenza msemmija fil-punt 114 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlitx distinzjoni bejn l-Artikoli 15, 16 u 17 tal-Karta, għal raġuni sempliċi, fil-fehma tiegħi: id-dritt għall-proprjetà huwa dritt ekonomiku protett, bħal-libertà professjonali u l-libertà ta' intrapriża, taħt il-libertajiet tal-moviment, b'mod li l-kontenut rispettiv tagħhom jikkoinċidi, jekk mhux għalkollox, tal-inqas, b'mod wiesa'[97]. B'mod partikolari, kif fakkart fil-kuntest tal-analiżi tal-ewwel ilment[98], il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jirrestrinġu l-aċċess għall-proprjetà, b'mod partikolari tal-art, jew jirregolaw l-użu tagħha jikkostitwixxu restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital (prinċipalment) u l-libertà ta' stabbiliment (b'mod anċillari).

117. Madankollu, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni bħall-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, hemm *koinċidenza sħiħa* bejn id-dritt għall-proprjetà u l-moviment liberu tal-kapital.

118. Fil-fatt, fis-sentenza SEGRO u Horváth, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "mill-għan tagħha stess", leġiżlazzjoni li tipprevedi l-estinzjoni tad-drittijiet ta' użufrutt akkwistati kuntrattwalment fuq art agrikola tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital, minħabba li l-imsemmija leġiżlazzjoni "*ċċaħħad lill-persuna kkonċernata kemm mill-possibbiltà li tkompli tgawdi mid-dritt li akkwistat [...], kif ukoll mill-possibbiltà li tittrasferixxi din tal-aħħar*"[99]. L-istess raġunijiet iwasslu għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni kontenzjuża tinkludi "ċaħda ta' proprjetà" pprojbita fl-Artikolu 17(1) tal-Karta[100].

119. Barra minn hekk, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlazzjoni kontenzjuża ma tistax tiġi ġġustifikata, skont l-Artikoli 63 u 65 TFUE, b'kont meħud, b'mod partikolari, tal-elementi ta' natura li juru l-inkompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mal-Artikolu 17 u l-Artikolu 52(1) tal-Karta, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li miżuri inqas intrużivi għad-drittijiet ta' użufrutt ikkonċernati setgħu ġew adottati sabiex jiġu implimentati l-għanijiet segwiti mill-Ungerija[101] u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' kumpens adegwat għad-detenturi ta' użufrutt affettwati[102].

120. Fi kliem ieħor, l-analiżi li għandha ssir biex tistabbilixxi kemm interferenza mad-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 63 TFUE u fl-Artikolu 17 tal-Karta kif ukoll l-impossibbiltà li din l-interferenza tiġi ġġustifikata, *hija bbażata fuq l-istess elementi, li jwasslu għal riżultat essenzjalment identiku.*

121. F'dan il-kuntest, l-artifiċjalità li tirriżulta minn eżami separat tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża fid-dawl tal-Artikolu 17 tal-Karta tirriżulta mill-eżami li sar qabel abbażi tal-Artikolu 63 TFUE, jirriżulta wkoll mill-fatt li, fil-kuntest tat-tieni lment, il-partijiet essenzjalment ressqu l-istess argumenti bħal dawk fil-kuntest tal-ewwel ilment — jew sempliċement jirreferu għalihom.

122. Lanqas ma jien konvint mill-argument tal-Kummissjoni li jgħid li eżami separat tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża skont l-Artikolu 17 tal-Karta, huwa essenzjali biex tiġi żgurata pożizzjoni aħjar lill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' rikorsi eventwali għad-danni kontra l-Istat Ungeriż.

123. Fil-fatt, għandi dubji serji dwar il-valur miżjud li jista' jkollha l-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 17 tal-Karta għall-persuni kkonċernati. L-interessi tagħhom huma diġà protetti mill-Artikolu 63 TFUE, li jikkostitwixxi regola ta' effett dirett li tista' tiġi invokata quddiem il-qorti nazzjonali. Dan l-aħħar artikolu "jikkritika" lil-leġiżlazzjoni kontenzjuża għall-istess problemi bħal dawk punibbli mill-imsemmi Artikolu 17 — iċ-ċaħda tal-proprjetà mingħajr kumpens — u fl-istess ħin

97 Ara Kovar, R., "Droit de propriété", Répertoire du droit européen, Jannar 2007, § 4, u Gauthier, C., Platon, S., Szymczak, D., *Droit européen des droits de l'Homme*, Sirey, 2017, p. 215.

98 Ara l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

99 Sentenza SEGRO u Horváth, punti 62 u 63.

100 Ara l-punti 157 sa 159 ta' dawn il-konklużjonijiet.

101 Ara, minn naħa, il-punti 92 u 106 ta' SEGRO u Horváth u, min-naħa l-oħra, il-punt 176 ta' dawn il-konklużjonijiet.

102 Ara, minn naħa, il-punt 91 tas-sentenza SEGRO u Horváth u, min-naħa l-oħra, il-punti 179 sa 182 ta' dawn il-konklużjonijiet.

jagħtihom id-dritt għal kumpens ġust għall-privazzjoni tagħhom. Fil-qosor, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tfallix fil-kompitu tagħha li tissalvagwardja d-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-Unjoni meta ma tiddeċidix dwar dan l-aħħar artikolu. B'mod partikolari, fir-rigward ta' kwalunkwe kawża għad-danni li tirriżulta mir-responsabbiltà tal-Istat, il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam [103] diġà jistgħu jiġu sodisfatti minħabba l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża mal-Artikolu 63 TFUE. F'dan il-kuntest, li wieħed iżid ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni invokati ma jippermettix lill-imsemmija individwi jinvokaw dannu ikbar.

124. Il-ħtieġa ta' eżami bħal dan tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża fid-dawl tal-Artikolu 17(1) tal-Karta lanqas ma tista' titwettaq, fil-fehma tiegħi, għal uniku għan sabiex il-Kummissjoni tkun tista' titlob multa jew penalità ikbar kontra l-Ungerija fi proċedura futura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fuq ksur. Peress li l-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat FUE jikkostitwixxu regoli fundamentali tad-dritt primarju tal-Unjoni, ksur ta' waħda minn dawn il-libertajiet huwa diġà kkunsidrat, fih innifsu, bħala "serju" għall-kalkolu ta' sanzjonijiet finanzjarji [104]. Ma narax x'tista' żżid konstatazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' proprjetà fl-ekwazzjoni f'din il-kawża.

125. Fl-aħħar nett, l-eżami indipendenti tal-Artikolu 17(1) ma jistax jiġi impost biss għas-sempliċi raġuni li l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hija proċedura oġġettiva u li, għalhekk, hija l-Kummissjoni li għandha tiddetermina r-regoli allegatament miksura mill-Istat Membru, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa teżamina jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jeżistix jew le [105].

126. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 258 TFUE hija intiża sabiex jiġi kkonstatat aġir ta' Stat Membru li jikser id-dritt tal-Unjoni. L-għan ta' din il-proċedura huwa li dawn in-nuqqasijiet u l-konsegwenzi tagħhom jiġu eliminati b'mod effettiv [106]. Issa, f'dan il-każ, kif ipprovajt nuri, l-Artikolu 63 TFUE u l-Artikolu 17(1) tal-Karta jipproteġu l-istess interessi u *jippenalizzaw l-istess ostakli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali*. Konsegwentement, tweġiba mill-perspettiva tal-ewwel artikolu biss hija biżżejjed biex jintlaħaq dan l-għan.

127. Mill-bqija, sa fejn naf jien, fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ma teżaminax leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tal-Karta *sussidjarjament*, meta din il-leġiżlazzjoni diġà tmur kontra regola oħra tad-dritt tal-Unjoni [107]. Is-sentenza SEGRO u Horváth tipprovdi eżempju ta' dan l-approċċ. Din hija, fil-fehma tiegħi, politika tajba ġudizzjarja [108], u tkun ħasra, fil-fehma tiegħi, li wieħed jirrinunzja għaliha fil-kuntest tal-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

103 Ir-regola tad-dritt tal-Unjoni miksura għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, li l-ksur ta' din ir-regola huwa suffiċjentement serju u li teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-danni mġarrba minn dawn l-individwi. Ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 51), kif ukoll għal applikazzjoni aktar reċenti, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807, punt 94).

104 Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-270/11, EU:C:2013:339, punt 49). Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Implimentazzjoni ta' l-Artikolu 228 tat-Trattat KE" [SEC (2005) 1658], punt 16.1: "Biex tivvaluta l-importanza tad-dispożizzjonijiet komunitarji miksura, il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni n-natura u l-portata tagħhom, iktar milli l-pożizzjoni tagħhom fil-ġerarkija ta' l-istandards […] *il-ksur li jolqot id-drittijiet fundamentali u l-erba' libertajiet fundamentali mħarsa mit-Trattat għandhom ikunu kkunsidrati bħala gravi u jirriżultaw f'penali finanzjarji adattati għal din il-gravità*" (Enfasi miżjud minni).

105 Ara l-ġurisprudenza fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

106 Ara s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1973, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (70/72, EU:C:1973:87, punt 13), u tas-16 ta' Ottubru 2012, L-Ungerija vs Is-Slovakkja (C-364/10, EU:C:2012:630, punt 68).

107 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, K (C-245/11, EU:C:2012:685); tat-18 ta' April 2013, Irimie (C-565/11, EU:C:2013:250); tal-4 ta' Lulju 2013, Gardella, C-233/12, EU:C:2013:449, punti 37 sa 41); tal-5 ta' Ġunju 2014, Mahdi (C-146/14 PPU, EU:C:2014:1320, punt 64); tal-4 ta' Settembru 2014, Zeman (C-543/12, EU:C:2014:2143, punt 39); tal-4 ta' Frar 2015, Melchior (C-647/13, EU:C:2015:54, punt 29); tal-25 ta' Ġunju 2015, Loutfi Management Propriété intellectuelle, C-147/14, EU:C:2015:420, punt 27), u tal-10 ta' Settembru 2015, Wojciechowski, C-408/14, EU:C:2015:591, punt 53).

108 Anki għas-sempliċi fatt li l-interpretazzjoni tal-kontenut ta' dritt fundamentali, ta' regola ta' grad għoli, li torbot b'mod partikolari l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kompetenza normattiva tiegħu, ma huwiex eżerċizzju bla ħsara.

### *e) B’mod sussidjarju: analiżi tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża fid-dawl tal-Artikolu 17 tal-Karta*

128. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkondividix l-opinjoni tiegħi u tagħżel li teżamina l-leġiżlazzjoni kontenzjuża fid-dawl tal-Artikolu 17 tal-Karta, nagħmel, sussidjarjament, l-osservazzjonijiet li ġejjin.

#### *1) Kunsiderazzjonijiet preliminari*

129. Id-dritt fundamentali tal-proprjetà ilu jeżisti fost il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom [109]. Dan id-dritt issa huwa stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta, li l-paragrafu 1 [110] tiegħu jipprevedi li "[k]ull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista’ tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta’ kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjetà jista’ jiġi rregolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku".

130. L-ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta jispeċifikaw li, skont l-Artikolu 52(3) tagħha, id-dritt għall-proprjetà rikonoxxut fl-Artikolu 17(1) tagħha, għandu l-istess tifsira u l-istess portata bħal dak iggarantit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB [111]. Għaldaqstant hemm lok li biex wieħed jinterpreta l-ewwel dritt, irid jiffoka fuq it-tifsira li l-Qorti EDB tagħti lit-tieni wieħed [112].

131. Fid-dawl ta’ dawn iż-żewġ testi, fil-bqija ta’ dawn il-konklużjonijiet, ser nagħti r-raġunijiet li għalihom, fil-fehma tiegħi, id-drittijiet ta’ użufrutt imħassra skont l-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji jikkostitwixxu "proprjetà" (2), "akkwistata legalment" (3), il-leġiżlazzjoni kontenzjuża tostakola dawn id-drittijiet u tammonta għal "ċaħda ta’ proprjetà" (4) li ma tistax tiġi ġġustifikata (5).

#### *2) Dwar il-kunċett ta’ "proprjetà"*

132. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB u dwar dik tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 17(1) tal-Karta, il-kunċett ta’ "proprjetà" protett taħt id-dritt fundamentali għall-proprjetà għandu *portata awtonoma*, jiġifieri indipendenti mill-klassifikazzjonijiet fid-dritt intern, u ma huwiex limitat għall-proprjetà *stricto sensu* [113].

109 Ara s-sentenzi tal-14 ta’ Mejju 1974, Nold vs Il-Kummissjoni (4/73, EU:C:1974:51), u tat-13 ta’ Diċembru 1979, Hauer (44/79, EU:C:1979:290).

110 L-Artikolu 17(2) tal-Karta jikkonċerna l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u għaldaqstant ma huwiex inkwistjoni f’din il-kawża.

111 Din id-dispożizzjoni, intitolata "Dritt għar-rispett tal-proprjetà", tipprovdi li "[k]ull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal[l]-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-disposizzjonijiet ta’ qabel ma għandhom b’ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta’ proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

112 Ara s-sentenza tat-3 ta’ Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 356), u tat-13 ta’ Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 49).

113 Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, ara, f’dan is-sens, Qorti EDB, 23 ta’ Frar 1995, Gasus Dosier- und Fördertechnik GmbH vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:1995:0223JUD001537589, § 53, Qorti EDB, 12 ta’ Diċembru 2002, Wittek vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2002:1212JUD003729097, § 42, kif ukoll Qorti EDB, 18 ta’ Novembru 2010, Consorts Richet u Le Ber vs Franza, CE:ECHR:2010:1118JUD001899007, § 89. Fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta’ Jannar 2013, Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 34).

133. Skont il-Qorti EDB, sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna għandhiex "proprjetà", għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi, ikkunsidrati flimkien, għamlux lil dan id-detentur ta' "interess sostanzjali" protett mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 għall-KEDB. Għalhekk, hija protetta mhux biss il-"proprjetà attwali" imma wkoll il-"valuri patrimonjali" kollha, inklużi d-djun li permezz tagħhom din il-persuna tista' tippretendi li jkollu tal-inqas, fid-dawl tad-dritt intern, aspettattiva leġittima u raġonevoli li jikseb it-tgawdija effettiva ta' dritt għall-proprjetà [114].

134. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, min-naħa tagħha, li l-"proprjetà" imsemmija fl-Artikolu 17(1) tal-Karta hija "id-drittijiet li għandhom valur patrimonjali" li minnhom tirriżulta, fid-dawl tal-ordinament ġuridiku, "pożizzjoni ġuridika miksuba li tippermetti li dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati b'mod awtonomu minn u favur il-proprjetarju tagħhom" [115]. Għalkemm il-kliem huwa fformulat b'mod differenti minn dak tal-Qorti EDB, l-interessi garantiti huma, fil-fehma tiegħi, essenzjalment l-istess.

135. Skont it-test adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk id-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni f'din il-kawża humiex "proprjetà" protetta, għandu jiġi vverifikat jekk humiex sodisfatti żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, jekk dawn id-drittijiet għandhomx valur patrimonjali u, min-naħa l-oħra, jekk minn dawn id-drittijiet, tirriżultax pożizzjoni legali miksuba li tippermetti eżerċizzju awtonomu tagħhom mid-detentur tagħhom u għall-benefiċċju tiegħu.

136. Fir-rigward tal-*ewwel kundizzjoni*, nosserva, bħalma tagħmel il-Kummissjoni, li dritt ta' użufrutt jikkonferixxi lid-detentur tiegħu kontroll parzjali ta' xi ħaġa ta' ħaddieħor. Jippermetti l-użu tagħha (*usus*) u l-ġbir tad-dħul minnha (*fructus*) filwaqt li d-dritt ta' disponiment tal-ħaġa (*abusus*) jibqa' tal-proprjetarju – li, minħabba l-prerogattivi mnaqqsa tiegħu, jissejjaħ nudu proprjetarju ("bare owner") [116]. Bħala tali, l-użufrutt huwa tradizzjonalment ikkunsidrat bħala żmembrar tad-dritt għall-proprjetà jew bħala *dritt in rem limitat* li jrid jiġi kkwalifikat bħala servitù personali [117].

137. Dritt li jippermetti tgawdija tal-oġġett b'dan il-mod huwa inkontestabbilment element ta' ġid għad-detentur tiegħu u, għaldaqstant, għandu *valur patrimonjali.* Barra minn hekk, infakkar li d-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni f'din il-kawża jirrigwardaw art agrikola u jippermettu attività ekonomika fuq dik l-art. Tali drittijiet għandhom għalhekk *valur patrimonjali sostanzjali.* F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju ta' dak li donnu qed jissuġġerixxi l-Gvern Ungeriż, iċ-ċirkustanzi li skonthom l-użufrutt inkwistjoni kienu ġew stabbiliti b'kuntratt u taw biss lid-detenturi tagħhom, ipotetikament, kontroll parzjali tal-artijiet ikkonċernati, huma irrilevanti [118].

138. Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument, imressaq mill-Gvern Ungeriż waqt is-seduta, li jgħid li d-drittijiet ta' użufrutt bħal dawn *ma kinux trasferibbli* u għaldaqstant, skont dan il-gvern, ma kellhomx *valur tas-suq.*

114 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 29 ta' Novembru 1991, Pine Valley Developments Ltd *et* vs L-Irlanda, CE:ECHR:1991:1129JUD001274287, § 51, Qorti EDB, 20 ta' Novembru 1995, Pressos Compania Naviera S.A. *et* vs Il-Belġju, CE:ECHR:1995:1120JUD001784991, § 29, kif ukoll Qorti EDB, 18 ta' April 2002, Ouzounis *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2002:0418JUD004914499, § 24.

115 Sentenzi tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 34), kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni (C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 60).

116 F'dak li jirrigwarda d-dritt ta' użu, huwa l-*usus* biss jiġi ttrasferit lid-detentur tiegħu, filwaqt li s-sid iżomm il-*fructus* u l-*abusus*.

117 Ara, għal deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-użufrutt, kif previst storikament fid-dritt Ruman u fid-dritt tal-Istati Membri differenti, konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża "Goed Wonen" (C-326/99, EU:C:2001:115, punti 54 sa 56).

118 Bħala eżempju, fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB, il-Qorti EDB ikkunsidrat bħala "proprjetà" użufrutt (Qorti EDB, 12 ta' Diċembru 2002, Wittek vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2002:1212JUD003729097, § 43 u 44, kif ukoll Qorti EDB, 16 ta' Novembru 2004, Bruncrona vs Il-Finlandja, CE:ECHR:2004:1116JUD004167398, § 78), forom oħrajn ta' servitù (Kummissjoni EDB, 13 ta' Diċembru 1984, S vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1984:1213DEC001074184, p. 238 u 239), jew ukoll *dritt personali* ta' tgawdija ta' proprjetà li tirriżulta minn kuntratt ta' kiri (Qorti EDB, 24 ta' Ġunju 2003, Stretch vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2003:0624JUD004427798, § 35).

139. Fil-fatt, kwalunkwe restrizzjoni legali jew kuntrattwali fir-rigward tat-trasferibbiltà ta' dawn id-drittijiet ta' użufrutt[119] ma taffettwax in-natura patrimonjali ta' dawn id-drittijiet. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat li d-drittijiet inkwistjoni ġew *ittrasferiti*, fil-kuntest ta' relazzjoni kuntrattwali, mis-sidien tal-artijiet lill-użufruttwarji. Kif irrikonoxxa l-Gvern Ungeriż waqt is-seduta, il-kostituzzjoni ta' dawn id-drittijiet tat lok għal *kontribuzzjoni finanzjarja*. Dawn iċ-ċirkustanzi juru, fihom infushom, din il-patrimonjalità[120].

140. Fir-rigward tat-*tieni kundizzjoni*, huwa inutli li wieħed ifakkar li, sa fejn l-użufrutt huwa dritt *in rem*, id-drittijiet li jagħti lid-detentur tiegħu huma *drittijiet esklużivi*, jiġifieri infurzabbli kontra kulħadd[121]. Għalhekk, mid-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni f'din il-kawża rriżultat manifestament pożizzjoni legali kweżita li tippermetti eżerċizzju awtonomu ta' dawn id-drittijiet mid-detenturi tagħhom u għall-benefiċċju tagħhom.

*3) Fuq il-kunċett ta' "akkwistata legalment"*

141. Infakkar li, skont il-Gvern Ungeriż, id-drittijiet ta' użufrutt imneħħija permezz tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża ma jibbenefikawx mill-protezzjoni prevista fl-Artikolu 17(1) tal-Karta, minħabba li l-akkwist tagħhom kien illegali u invalidu *ab initio* fid-dawl tar-regoli tad-dritt ċivili applikabbli.

142. Fil-fatt, minn naħa, sa fejn dawn id-drittijiet ġew ikkostitwiti qabel l-1 ta' Jannar 2002 għall-benefiċċju ta' persuni mhux residenti, l-akkwist tagħhom minn dawn il-persuni kien suġġett, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fil-qasam tal-kontroll tal-kambju, għal awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità responsabbli mill-kambju, jiġifieri l-Bank Nazzjonali tal-Ungerija. Madankollu, jirriżulta minn indikazzjoni pprovduta minn din l-istituzzjoni li, f'dak li jirrigwarda l-akkwist ta' drittijiet ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli, qatt ma saret talba għal awtorizzazzjoni tal-kambju. Issa, fin-nuqqas ta' tali awtorizzazzjoni, l-użufrutt inkwistjoni ma kinux ikkostitwiti b'mod validu.

143. Min-naħa l-oħra, il-kuntratti li permezz tagħhom ġew ikkostitwiti dawn l-użufrutt allegatament ġew konklużi bi frodi, biex tiġi evitata l-projbizzjoni legali fuq persuni fiżiċi li ma għandhomx nazzjonalità Ungeriża u fuq il-persuni ġuridiċi biex jakkwistaw is-sjieda ta' art agrikola.

144. F'dan ir-rigward, kif tipprovdi l-formulazzjoni tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, din id-dispożizzjoni tipproteġi biss il-proprjetà "akkwistata legalment". Din il-kundizzjoni ma tinsabx fit-test tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB. Għaldaqstant, hija ma għandhiex, fil-fehma tiegħi, tiġi interpretata b'mod wiesa' wisq — mingħajr ma wieħed ikollu jinżel taħt il-livell ta' protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, din il-kundizzjoni għandha tiġi meqjusa bħala sodisfatta meta l-akkwist tal-proprjetà inkwistjoni seta' raġonevolment jitqies validu u legali, sakemm intervjenew miżuri ta' interferenza kontenzjużi, fid-dawl tal-*aspettattivi leġittimi* tad-detenturi ta' din il-proprjetà.

145. F'dan il-każ, fir-rigward tal-allegata invalidità *ab initio* tal-akkwisti ta' drittijiet ta' użufrutt imneħħija mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża, fl-ewwel lok, m'iniex konvint li l-Gvern Ungeriż wera verament l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt ċivili li jipproponi.

119 F'dan ir-rigward, nirrileva li f'diversi drittijiet nazzjonali, it-trasferiment tad-dritt ta' użufrutt huwa eskluż mil-liġi, jew tal-inqas suġġett għall-kunsens tas-sid. Barra minn hekk, bħala servitù personali, l-użufrutt huwa, l-iktar, vitalizju, b'tali mod li ma jiġix trażmess lill-eredi tal-użufruttwarju meta dan imut iżda jirritorna lura għand il-proprjetarju. (Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża "Goed Wonen", C-326/99, EU:C:2001:115, punt 56).

120 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich (C-283/11, EU:C:2013:28, punt 35). Fi kliem ieħor, il-fatt li l-użufrutt ma jistax jiġi ttrasferit mill-użufruttwarju lil parti terza ma jibdlux fi *dritt ekstrapatrimonjali* mingħajr valur kwantifikabbli.

121 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża "Goed Wonen" (C-326/99, EU:C:2001:115, punt 56).

146. Fil-fatt, rigward il-fatt li d-detenturi tad-drittijiet ta' użufrutt imħassra ma kinux kisbu awtorizzazzjoni mill-awtorità responsabbli tal-kambju, jirriżulta ċertament mill-Artikolu 215(1) u (3) tal-Kodiċi Ċivili ta' qabel li jekk l-approvazzjoni ta' awtorità pubblika hija meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' kuntratt, l-effetti legali tal-invalidità għandhom japplikaw għal dan il-kuntratt jekk din l-approvazzjoni ma hijiex miksuba.

147. Madankollu, minn naħa, kif issostni l-Kummissjoni, u kif ammetta wkoll il-Gvern Ungeriż innifsu fir-risposta tiegħu għall-opinjoni motivata, ebda sentenza mogħtija minn qorti Ungeriża ma qieset in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni ta' skambju ta' muniti bħala difett li jiġġustifika li kuntratt ta' użufrutt bħala null *ab initio*.

148. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ssostni li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-qrati Ungeriżi relatata mal-Artikolu 237(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili ta' qabel, li, qabel ma tiddikjara li kuntratt speċifiku huwa null, il-qorti għandha, l-ewwel tivverifika jekk huwiex possibbli li tivvalida l-kuntratt inkwistjoni, li huwa l-każ meta r-raġuni tal-invalidità tkun sparixxiet wara li dan ikun ġie konkluż, b'mod partikolari, wara modifika tar-regoli tad-dritt applikabbli. Issa, l-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni ta' kambju għall-akkwist ta' valuri patrimonjali ġie imħassar b'effett mis-16 ta' Ġunju 2001 [122]. Għaldaqstant, anki jekk wieħed jissupponi li l-kuntratti li bihom ġew ikkostitwiti l-użufrutt inkwistjoni setgħu, f'mument partikolari, ikunu invalidi minħabba nuqqas ta' awtorizzazzjoni bħal din, dawn il-kuntratti kienu jiġu vvalidati retroattivament minn dik id-data [123]. Din l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali jidhirli li hija perfettament raġonevoli.

149. Fir-rigward tal-allegata raġuni ta' invalidità minħabba l-evażjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-akkwist tal-art agrikola, għal darb'oħra, il-Gvern Ungeriż ma pprovax l-eżistenza ta' sentenza ta' qorti nazzjonali li ddikjarat illegali dritt ta' użufrutt għal din ir-raġuni. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq sentenza tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) fejn din qieset, essenzjalment, li s-sempliċi ħolqien ta' dritt ta' użufrutt fuq art agrikola ma jistax, fih innifsu, jiġi kkunsidrat bħala tali evażjoni.

150. Fit-tieni lok, anki kieku l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt ċivili nazzjonali ssuġġerita mill-Gvern Ungeriż tkun korretta, dan ma jimpedixxix li l-użufrutt inkwistjoni jitqiesu bħala proprjetà "akkwistata legalment", fid-dawl tal-aspettattivi leġittimi li ċ-ċirkustanzi ħolqu, fil-fehma tad-detenturi tagħhom.

151. F'dan ir-rigward, infakkar li, wara l-emendi leġiżlattivi introdotti matul is-snin 1991 u 1994 biex il-persuni fiżiċi li ma għandhomx nazzjonalità Ungeriża u l-persuni ġuridiċi ma jitħallewx jakkwistaw art agrikola, kwalunkwe persuna baqgħet, probabbilment, libera li takkwista dritt ta' użufrutt fuq tali art. Kien biss mill-1 ta' Jannar 2002 li l-Liġi tal-1994 dwar l-Art Produttiva ġiet emendata sabiex teskludi wkoll il-possibbiltà li jiġi kkostitwit kuntrattwalment dritt ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli għall-benefiċċju ta' dawn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Issa, id-drittijiet koperti minn dan ir-rikors huma dawk ikkostitwiti qabel din id-data.

122 Ara l-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 88 tal-15 ta' Ġunju 2001 li jimplimenta l-Liġi Nru. XCV tal-1995 dwar il-Muniti.

123 Artikoli 6:110 u 6:111 tal-Kodiċi Ċivili l-ġdid isostnu din is-soluzzjoni.

152. B'hekk, kif issostni l-Kummissjoni, id-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni kienu ġew ikkostitwiti — għall-inqas fl-apparenza — legalment u rreġistrati bis-sħiħ fir-reġistru tal-artijiet mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. Din ir-reġistrazzjoni tikkostitwixxi ċirkustanza deċiżiva [124], minħabba l-importanza tagħha fil-livell probatorju [125] u fil-livell tal-infurzabbiltà tad-drittijiet inkwistjoni fir-rigward ta' partijiet terzi [126]. Barra minn hekk, ħadd ma kien xeħet dubji dwar il-legalità ta' dawn id-drittijiet sal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża — potenzjalment għal bosta snin [127].

153. Il-Gvern Ungeriż ma jistax, f'dan il-kuntest, jikkonfuta l-eżistenza ta' tali aspettattivi leġittimi billi jinvoka l-*mala fede* tad-detenturi ta' użufrutt ikkonċernati. Fil-fatt, il-*mala fede* ma tistax tiġi preżunta, iżda ppruvata [128]. Kif issostni l-Kummissjoni, dan il-Gvern ma jistax jillimita ruħu li jafferma *in abstracto*, mingħajr eżami każ b'każ, li kwalunkwe użufruttwarju li ma għandux parentela mill-qrib mal-proprjetarju tal-art, u li sempliċement uża l-opportunitajiet li kien joffrilu l-qafas legali eżistenti, aġixxa *in mala fede*.

*4) Fuq il-kunċett ta' "ċaħda" tal-proprjetà*

154. Bħal fil-każ tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB [129], l-Artikolu 17(1) tal-Karta jinkludi tliet regoli distinti, jiġifieri regola ġenerali (l-ewwel sentenza, "Kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni…"), regola dwar iċ-ċaħda ta' proprjetà (it-tieni sentenza, "L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha…") u regola dwar ir-regolamentazzjoni tal-użu tal-proprjetà (it-tielet sentenza, "L-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi…").

155. Kif indikajt, il-leġiżlazzjoni kontenzjuża tinvolvi indħil fid-dritt fundamentali għall-proprjetà tad-detenturi tad-drittijiet ta' użufrutt milquta minnha, li jammonta għal *ċaħda ta' din il-proprjetà* (it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1)).

156. Fil-fatt, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB li tali ċaħda teżisti fil-każ tat-*trasferiment ta' proprjetà* li jirriżulta minn *disponiment formali tal-proprjetà* [130].

157. Issa, minn naħa, il-leġiżlazzjoni kontenzjuża, billi neħħiet *ex lege* ċerti drittijiet ta' użufrutt eżistenti fuq art agrikola, effettivament *ċaħħdet* lid-detenturi mid-drittijiet inkwistjoni. Dawn il-persuni ġew effettivament imċaħħda mid-dritt tal-użu (usus) u mid-dritt tal-ġbir tal-frott (fructus) mill-artijiet ikkonċernati [131].

124 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 103. Ara wkoll, Qorti EDB, 29 ta' Novembru 1991, Pine Valley Developments Ltd *et* vs L-Irlanda, CE:ECHR:1991:1129JUD001274287, § 51, kif ukoll Qorti EDB, 22 ta' Lulju, 2008, Köktepe vs It-Turkija, CE:ECHR:2008:0722JUD003578503, § 89: "fl-1993 ir-rikorrent akkwista *in bona fede* l-art kontenzjuża li, f'dak iż-żmien, kienet inkontestabbilment ikkwalifikata bħala art agrikola […] u li *kienet eżentata minn kwalunkwe iskrizzjoni restrittiva fir-Reġistru tal-Artijiet li huwa biss huwa awtentiku taħt il-liġi Torka* […]. *L-akkwist tal-art mir-rikorrent ma kienx ivvizzjat minn irregolarità li setgħet tiġi invokata kontrih*; li kieku ma kienx hekk, id-Direttorat Ġenerali tar-Reġistru tal-Artijiet *żgur ma kienx se joħroġilha t-titolu debitu ta' proprjetà* […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (Enfasi miżjuda minni).

125 Skont l-Artikolu 5(1) tal-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet "għandu jiġi preżunt, sakemm ma titressaqx prova kuntrarja, li data dwar proprjetà immobbli mniżżla fir-Reġistru teżisti u data dwar proprjetà immobbli mħassra mir-Reġistru ma teżistix" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

126 Artikolu 3 tal-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet, li tħassar b'effett mill-15 ta' Marzu 2014 mill-Artikolu 12(a) tal-Liġi Nru CCIV tal-2013, li jemenda [l-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet], sa dak iż-żmien kien jipprevedi li dritt jitnissel biss meta jitniżżel f'dan ir-reġistru u li kull emenda timplika reġistrazzjoni ġdida.

127 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 109 u punt 110. Ara wkoll Qorti EDB, 23 ta' Settembru 2014, Valle Pierimpiè Società Agricola S.p.a. vs l-Italja, CE:ECHR:2014:0923JUD004615411, § 48 sa 51.

128 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza SEGRO u Horváth, punti 116, 117 u 121.

129 Ara Qorti EDB, 23 ta' Settembru 1982, Sporrong u Lönnroth vs L-Isvezja, CE:ECHR:1982:0923JUD000715175, § 67, Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, § 37, kif ukoll Qorti EDB, 12 ta' Diċembru 2002, Wittek vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2002:1212JUD003729097, § 41.

130 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 23 ta' Settembru 1982, Sporrong u Lönnroth vs l-Isvezja, CE:ECHR:1982:0923JUD000715275, § 62 u 63, kif ukoll Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, § 40.

131 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 63.

158. Min-naħa l-oħra, wara t-tneħħija tad-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni, l-attributi ta' proprjetà li dawn l-istess persuni kellhom fuq l-art agrikola inkwistjoni (— *usus* u *fructus)* — ġew *ittrasferiti* — jew, b'mod iktar preċiż, ingħataw lura — lis-sidien tal-art. Kif issostni ġustament il-Kummissjoni, il-fatt li dan it-trasferiment ma kienx ta' benefiċċju għall-Istat innifsu, iżda għal individwu — is-sid — huwa irrilevanti [132].

159. B'hekk, iż-żewġ komponenti taċ-ċaħda tal-proprjetà — evizzjoni u trasferiment — huma, fil-fehma tiegħi, preżenti f'dan il-każ.

*5) Fuq il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni ta' tali ċaħda ta' proprjetà*

160. Il-kwistjoni ta' ġustifikazzjoni possibbli tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża, titlob, preliminarjament, kjarifika fir-rigward tal-metodoloġija li għandha tiġi applikata.

161. F'dan ir-rigward, fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB, it-test tal-ġustifikazzjoni ta' miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-proprjetà jikkonsisti fil-verifika, qabelxejn, kif provdut fit-test, ta' jekk din iċ-ċaħda saritx "fl-interess pubbliku" u "bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali".

162. Sussegwentement, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, għandu jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlatur nazzjonali sabx "bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti ta' interess ġenerali tal-komunità u l-imperattivi tas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-individwu", li jimplika l-verifika tal-eżistenza ta' "relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan imfittex minn kull miżura li ċċaħħad persuna mill-proprjetà tagħha" [133].

163. Sabiex jiġi ddeterminat jekk iċ-ċaħda tal-proprjetà inkwistjoni tosservax il-bilanċ ġust, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha b'mod partikolari tistħarreġ jekk din timponix "piż sproporzjonat" fuq l-individwu affettwat [134]. Sabiex jiġi evalwat jekk dan huwiex il-każ, il-Qorti EDB tikkunsidra l-kundizzjonijiet ta' kumpens għad-danni [135]. Skont ġurisprudenza stabbilita ta' din il-qorti, mingħajr il-ħlas ta' "somma raġonevoli fir-rigward tal-valur tal-proprjetà" [136], ċaħda ta' proprjetà tikkostitwixxi normalment preġudizzju eċċessiv u nuqqas totali ta' kumpens jista' biss jiġi ġġustifikat taħt l-Artikolu 1, f'ċirkustanzi eċċezzjonali [137]. Barra minn hekk, sabiex jissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità, dan il-kumpens għandu jseħħ f'terminu raġonevoli [138].

132 Il-Qorti EDB irrikonoxxiet bħala każijiet ta' "trasferiment ta' proprjetà" u għalhekk ta' "ċaħda" tal-obbligu impost fuq individwu li jittrasferixxi l-proprjetà immobbli tiegħu lil individwu ieħor (ara l-Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, 21 ta' Frar 1990, Håkansson u Sturesson vs L-Isvezja, CE:ECHR:1990:0221JUD001185585 kif ukoll Qorti EDB, 10 ta' Lulju 2014, Milhau vs Franza, CE:ECHR:2014:0710JUD000494411).

133 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 23 ta' Settembru 1982, Sporrong u Lönnroth vs l-Isvezja, CE:ECHR:1982:0923JUD000715175, § 69, kif ukoll 12 ta' Diċembru 2002, Wittek vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2002:1212JUD003729097, § 53.

134 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 12 ta' Diċembru 2002, Wittek vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2002:1212JUD003729097, § 54.

135 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, § 54. Għandu jiġi nnutat li l-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB ma jinkludi l-ebda referenza għal tali kumpens għad-danni. Madankollu, kif il-Qorti EDB osservat f'din is-sentenza, l-assenza ta' obbligu ta' kumpens tirrendi l-protezzjoni tad-dritt ta' proprjetà "ferm illużorja u ineffikaċi". Din il-qorti għalhekk irrimedjat is-silenzju tat-test billi ddeċidiet li l-bżonn għal kumpens "jirriżulta impliċitament mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 fit-totalità tiegħu" (Qorti EDB, 8 ta' Lulju 1986, Lithgow *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0708JUD000900680, § 109).

136 L-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB ma jiggarantixxix id-dritt għal kumpens sħiħ, peress li għanijiet leġittimi ta' utilità pubblika jistgħu jxaqilbu favur kumpens li jkun inferjuri għall-valur sħiħ tas-suq. Barra minn hekk, il-Qorti EDB tirrikonoxxi lill-Istat, f'dan il-qasam, marġni wiesa' ta' diskrezzjoni (Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, § 54).

137 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, § 54, Qorti EDB, 9 ta' Diċembru 1994, Il-Monasteri Qaddisa vs Il-Greċja, CE:ECHR:1994:1209JUD001309287, § 71, kif ukoll 23 ta' Novembru 2000, L-ex Re tal-Greċja *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2000:1123JUD002570194, § 89.

138 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 21 ta' Frar 1997, Guillemin vs Franza, CE:ECHR:1997:0221JUD001963292, § 54.

164. Fis-sistema tal-Karta, l-affarijiet jidhru aktar ikkumplikati. Minn naħa, skont il-kliem tal-Artikolu 17(1) tagħha, miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-proprjetà tista' sseħħ biss (1) għal raġuni ta' interess pubbliku, (2) jekk tkun prevista mil-liġi u (3) b'kumpens "ġust" u "f'waqtu" — dawn l-aħħar żewġ elementi li jikkostitwixxu kodifikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti EDB.

165. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 52(1) tal-Karta japplika bħala "klawżola ta' deroga ġenerali". Issa, b'mod konformi ma' din id-dispożizzjoni, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà għandha tkun (4) prevista mil-liġi, (5) tirrispetta l-"essenza" ta' dan id-dritt u (6) tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità, li min-naħa tiegħu, jirrikjedi li din il-limitazzjoni tkun (a) meħtieġa u (b) tilħaq effettivament objettiv ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

166. Madankollu, fid-dawl tar-rekwiżit, li jirriżulta mill-Artikolu 52(3) tal-Karta, li ma jinkisibx livell ta' protezzjoni li huwa inqas minn dak ipprovdut mill-KEDB, jidhirli li dawn id-diversi kundizzjonijiet jistgħu jinġabru flimkien kif ġej:

– iċ-ċaħda tal-proprjetà għandha tkun prevista mil-liġi [kundizzjonijiet (2) u (4)],

– din iċ-ċaħda għandha ssegwi għan ta' interess ġenerali [kundizzjonijiet (1) u (6.b)],

– dik iċ-ċaħda għandha tkun proporzjonata għal dan il-għan [kundizzjoni (6.a)], u

– kumpens raġonevoli fir-rigward tal-valur tal-proprjetà għandu jitħallas fi żmien raġonevoli [kundizzjonijiet (3) u (5) [139]].

167. Għaldaqstant hemm lok, f'dan il-każ, li l-leġiżlazzjoni kontenzjuża tiġi eżaminata fid-dawl ta' dawn l-erba' kundizzjonijiet.

*i) Ir-rekwiżit tal-legalità*

168. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, il-kliem "prevista mil-liġi" jimplika li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tat-teħid tal-proprjetà inkwistjoni għandhom ikunu definiti b'regoli tad-dritt intern suffiċjentement aċċessibbli, preċiżi u prevedibbli [140].

169. F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni kontenzjuża tiddikjara b'mod aċċessibbli, preċiż u prevedibbli t-tneħħija tad-drittijiet ta' użufrutt fuq art agrikola għall-benefiċċju ta' persuni li ma humiex relatati mill-qrib mas-sid tal-art. Barra minn hekk, il-liġi Ungeriża tiddefinixxi eżattament il-persuni li għandhom tali rabta ta' parentela [141]. Għaldaqstant inqis li din l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta.

*ii) L-eżistenza ta' għan ta' interess komuni*

170. F'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' kawża ta' "benefiċċju pubbliku" li tiġġustifika ċ-ċaħda inkwistjoni, il-Qorti EDB tirrikonoxxi lill-Istati Membri marġni wiesa' ta' diskrezzjoni. Din il-qorti tirrispetta l-mod li bih il-leġiżlatur nazzjonali jifhem ir-rekwiżiti tal-"benefiċċju pubbliku", ħlief meta l-ġudizzju tiegħu jkun "manifestament mingħajr bażi raġonevoli" [142].

139 Fil-fatt, fil-fehma tiegħi, il-kundizzjonijiet (3) u (5) huma kosostanzjali. Miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tosserva l-*kontenut essenzjali* tad-dritt għall-proprjetà jekk ma tipprovdix, bħala kontroparti għal dan it-teħid tal-pussess, kumpens ġust fi żmien raġonevoli — ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

140 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2005, Păduraru vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2005:1201JUD006325200, § 77.

141 Ara l-Artikolu 5(13) tal-Liġi tal-2013 dwar l-Artijiet Agrikoli.

142 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 21 ta' Frar 1986, James *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:0221JUD000879379, § 46, Qorti EDB, 22 ta' Ġunju 2004, Broniowski vs Il-Polonja, CE:ECHR:2004:0622JUD003144396, § 149, kif ukoll Qorti EDB, 14 ta' Frar 2006, Lecarpentier *et* vs Franza, CE:ECHR:2006:0214JUD006784701, § 44.

171. Infakkar li l-Gvern Ungeriż invoka tliet għanijiet differenti sabiex jiġġustifika l-leġiżlazzjoni kontenzjuża, jiġifieri għan ta' politika agrikola, ir-rieda li jiġi ssanzjonat il-ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-kambju u l-għan tal-ġlieda, taħt l-ordni pubbliku, kontra prattiki ta' xiri abbużiv[143].

172. Fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri f'dan il-qasam, tali għanijiet jistgħu, fil-fehma tiegħi, jiġu kkunsidrati bħala għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

*iii) Il-proporzjonalità tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża*

173. Bħala regola ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħall-Qorti EDB, tirrikonoxxi marġni ta' diskrezzjoni lil-leġiżlatur nazzjonali fir-rigward tal-proporzjonalità ta' ċaħda ta' proprjetà[144].

174. Madankollu, anki fid-dawl ta' dan il-marġni ta' diskrezzjoni, jidhirli li ċ-ċaħda tal-proprjetà inkwistjoni ma tistax titqies bħala proporzjonata mal-għanijiet segwiti mill-Ungerija.

175. Minn naħa, l-oneru tal-prova dwar il-proporzjonalità tat-tneħħija *ex lege* tad-drittijiet ta' użufrutt ikkonċernati kien jaqa', fil-fehma tiegħi, fuq dan l-Istat Membru. Madankollu, dan ma ġab l-ebda evidenza għal dan il-għan, u illimita ruħu, essenzjalment, għal li jsostni l-illegalità tad-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni.

176. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni indikat li għadd ta' miżuri inqas drastiċi minn tali tneħħija *ex lege* kienu jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ungerija. F'dak li jirrigwarda l-għan ta' politika agrikola, seta' kien ikun possibbli li l-użufruttwarju jkun meħtieġ li jżomm l-użu agrikolu tal-art ikkonċernata, skont il-każ, billi jiżgura huwa nnifsu u b'mod effettiv l-isfruttament, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw il-vijabbiltà ta' din tal-aħħar. F'dak li jirrigwarda l-għan ta' sanzjonar ta' ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-kambju, sempliċi multi kienu jkunu biżżejjed. Fir-rigward tal-għan tal-ġlieda, abbażi tal-ordni pubbliku, kontra prattiki tax-xiri abbużivi, dan ma jistax jiġġustifika t-tneħħija tad-drittijiet ta' użufrutt ikkonċernati mingħajr eżami każ b'każ tan-natura frawdolenti reali tagħhom[145]. Mill-bqija, fil-fehma tiegħi, dawn l-għanijiet ma kinux jiġġustifikaw it-tneħħija tad-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni *billi jingħata perjodu tranżitorju daqstant qasir*[146].

*iv) L-arranġamenti ta' kumpens*

177. Infakkar li l-leġiżlazzjoni kontenzjuża ma tipprovdix għal mekkaniżmu ta' kumpens speċifiku għall-użufruttwarji li tteħdilhom il-pussess. Dawn jistgħu biss jiksbu kumpens għad-danni mingħand is-sidien tal-art bħala parti mis-saldu li jrid iseħħ ma' tmiem l-użufrutt, skont ir-regoli tad-dritt ċivili[147].

143 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

144 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017 Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 57).

145 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punti 92, 93, 106, 121 kif ukoll 122.

146 Infakkar li dan il-perijodu tranżitorju li inizjalment kien stabbilit għal 20 sena, finalment tnaqqas għal erba' xhur u 15-il jum (ara l-punti 24 u 25 ta' dawn il-konklużjonijiet).

147 Kif ġie indikat fil-punti 29 u 62 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet, fis-sentenza Nru 25 tagħha, tal-21 ta' Lulju 2015, li tali arranġamenti ta' kumpens kienu kompatibbli mal-liġi fundamentali Ungeriża, inkwantu s-sid jista', min-naħa tiegħu, jirċievi kumpens mill-Istat.

178. Il-Kummissjoni u l-Gvern Ungeriż ma jaqblux dwar ir-regoli speċifiċi li għandhom japplikaw u dwar l-estensjoni tal-kumpens li jista' jinkiseb mingħand il-proprjetarju mill-użufruttwarju. Din tal-ewwel tikkunsidra li huwa l-paragrafu 2 tal-Artikolu 5:150 tal-Kodiċi Ċivili l-ġdid li għandu japplika[148], li huwa limitat li jipprevedi r-rimbors, fi tmiem l-użufrutt, tal-ispiża tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' tiswija straordinarji mwettqa mill-użufruttwarju u fil-prinċipju jaqgħu fuq il-proprjetarju. Għall-kuntrarju, it-tieni wieħed isostni li għandu japplika l-ewwel nett, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6:180 ta' dan il-Kodiċi[149] dwar ir-riżoluzzjoni tal-konsegwenzi tal-impossibbiltà ġuridika li jsir kuntratt, eventwalment issupplimentat b'saldu taħt il-paragrafu 2 tal-Artikolu 5:150. B'kollox, skont dan il-Gvern, l-użufruttwarju jista' jikseb kumpens għad-dannu ekwivalenti għal parti mill-kumpens finanzjarju li dan tal-aħħar kien inizjalment ħallas għall-użufrutt u għall-investimenti li jkun għamel – għodda, pjantaġġuni, eċċ. – u li jtejbu l-fondi. Il-Kummissjoni twieġeb li, f'kull każ, kumpens simili la jkopri l-investimenti li mhumiex direttament kwantifikabbli iżda li l-użufruttwarju jkun għamel bit-tama li jkompli jgawdi l-art, u lanqas it-telf ta' qligħ.

179. Fl-opinjoni tiegħi, ikun xi jkun l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili Ungeriż applikabbli, l-arranġamenti ta' kumpens previsti mhumiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 17(1) tal-Karta — u dan, hawnhekk ukoll, minkejja l-marġni ta' diskrezzjoni li għandha tiġi rikonoxxuta lill-Istati Membri f'dan il-qasam.

180. Fil-fatt, l-ewwel nett, ir-regoli tad-dritt ċivili invokati jitfgħu l-piż tal-irkupru tal-kumpens dovut lilhom fuq l-użufruttwarji affettwati, permezz ta' proċeduri li jistgħu jieħdu fit-tul u jiswew għali[150]. Issa, il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB għandha tendenza li tindika li leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tħallasx *awtomatikament* il-kumpens meħtieġ u li teħtieġ li l-individwu affettwat jasserixxi d-dritt tiegħu fil-kuntest ta' tali proċedura ġudizzjarja ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-KEDB[151].

181. Sussegwentement, dawn l-istess regoli tad-dritt ċivili ma joffrux garanzija li l-użufruttwarju se jakkwista kumpens *raġonevoli meta mqabbel mal-valur tal-art tiegħu*[152]. Dawn jippermettu, l-iktar l-iktar, li wieħed jirkupra parti mill-kumpens inizjalment mogħti — li, għalhekk, ma tiħux kont tal-valur effettiv tal-użufrutt fil-jum meta dan tneħħa *ex lege* — u l-ammont ta' ċerti investimenti magħmula fuq l-art. Barra minn hekk, sa fejn, f'dan il-każ, il-proprjetà li tneħħiet lill-użufruttwarji kienet tikkostitwixxi l-"għodda tax-xogħol" tagħhom il-kumpens għandu neċessarjament ikopri dan it-telf speċifiku, li jfisser li mhux biss għandu jiġi kkumpensat it-telf li sar sal-jum ta' din it-tneħħija, iżda wkoll evalwazzjoni raġonevoli tat-telf tas-sehem addizzjonali ta' dħul futur li dawn kienu jibbenefikaw mill-isfruttament tal-art kieku d-drittijiet tagħhom ma kinux tneħħew[153].

182. Fl-aħħar nett, tali arranġamenti ta' kumpens iħallu lill-użufruttwarju jaffaċċja r-riskju li dan l-istess sid ikun insolventi u ma jkunx jista' jħallas dan il-kumpens għad-danni[154].

148 Skont din id-dispożizzjoni "meta jitneħħa l-użufrutt, l-użufruttwarju jista' jitlob lis-sid, skont ir-regoli dwar l-arrikkiment indebitu, ħlas lura li jikkorrispondi għaż-żieda fil-valur tal-proprjetà wara x-xogħol straordinarju ta' restawr jew ta' tiswija li jkun wettaq għan-nom tiegħu". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

149 Skont din id-dispożizzjoni "[j]ekk ir-responsabbiltà biex ma jkunx jista' jitwettaq il-kuntratt ma tista' tiġi attribwita lill-ebda waħda mill-partijiet, il-valur monetarju tas-servizz ipprovdut qabel it-tmiem tal-kuntratt għandu jiġi kkumpensat. Jekk il-parti l-oħra ma tkunx ipprovdiet is-servizz korrispondenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja li diġà tħallset, din għandha titħallas lura". [traduzzjoni mhux uffiċjali] Kif enfasizzat il-Kummissjoni, huwa tal-inqas stramb, fid-dawl tal-argumenti tal-Ungerija dwar l-allegata invalidità *ab initio* tal-kuntratti ta' użufrutt inkwistjoni, li hija tinvoka f'dan il-kuntest, ir-regoli tad-dritt ċivili dwar l-eżekuzzjoni impossibbli ta' kuntratt — ipotetikament validu — minflok dawk dwar ir-*restitutio in integrum* fil-każ ta' nullità tal-kuntratt.

150 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 91.

151 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 30 ta' Mejju 2000, Carbonara u Ventura vs L-Italja, CE:ECHR:2000:0530JUD002463894, § 67, kif ukoll Qorti EDB, 9 ta' Ottubru 2003, Biozokat A.E. vs Il-Greċja, CE:ECHR:2003:1009JUD006158200, § 29. Ara wkoll Kjølbro, J.F., *Den Europæiske Menneskerettighedskonvention: for praktikere, 4. udgave*, p. 1230.

152 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 91.

153 Ara, b'analoġija, Qorti EDB, 12 ta' Ġunju 2003, Lallement vs Franza, CE:ECHR:2003:0612JUD004604499, § 10.

154 Ara, b'analoġija, is-sentenza SEGRO u Horváth, punt 91. Fir-rigward tal-argument tal-Ungerija li jgħid li l-persuni mċaħħda mid-dritt tagħhom ta' użufrutt jistgħu jkomplu jgawdu l-art agrikola inkwistjoni billi, pereżempju, jikkonkludu qbiela mas-sidien tal-art, huwa biżżejjed li jiġi osservat, kif għamlet il-Kummissjoni, li din is-soluzzjoni ma toffri ebda garanzija lil tal-ewwel, peress li xejn ma jobbliga lil dawn tal-aħħar jikkonkludu tali kuntratt.

183. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, jiena tal-fehma li l-Artikolu 108(1) tal-Liġi tal-2013 dwar il-Miżuri Tranżitorji, huwa inkompatibbli mal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

## VI. Konklużjoni

184. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li:

1) L-Ungerija, billi neħħiet *ex lege*, skont l-Artikolu 108(1) tal-mező- és erdőgazdasági földek forgalmáról szóló 2013. évi CXXII. törvénnyel összefüggő egyes rendelkezésekről és átmeneti szabályokról szóló 2013. évi CCXII. törvény (il-Liġi Nru CCXII tal-2013, li tistabbilixxi diversi Dispożizzjonijiet u Miżuri Tranżitorji fir-rigward tal-Liġi Nru CXXII tal-2013, dwar il-Bejgħ ta' Artijiet Agrikoli u Forestali), id-drittijiet ta' użufrutt u d-drittijiet ta' użu fuq art agrikola u forestali ikkostitwiti preċedentement favur persuni ġuridiċi jew persuni fiżiċi li ma jistgħux juru rabta ta' parentela mill-qrib mas-sid tal-art, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 63 TFUE.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.